



EASO Rapport Ġenerali Annwali 2016



Ġunju 2017



EASO Rapport Ġenerali Annwali 2016

Ġunju 2017

SUPPORT IS OUR MISSION

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ir-rapport ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija fit-13 ta' Ġunju 2017.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017

Print ISBN 978-92-9494-459-7 ISSN 2467-3668 doi:10.2847/239746 BZ-AD-17-001-MT-C

PDF ISBN 978-92-9494-440-5 ISSN 2314-9981 doi:10.2847/333431 BZ-AD-17-001-MT-N

© L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil, 2017

La l-EASO u lanqas xi persuna oħra li taġixxi f'ismu ma jistgħu jinżammu responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.

Werrej

Lista ta' abbrevjazzjonijiet	4
Daħla	6
1. Introduzzjoni.....	8
2. Nistabbilixxu l-isfond: żviluppi fl-2016	9
3. Il-prijoritajiet tal-EASO fl-2016.....	11
4. Il-kisbiet tal-EASO fl-2016	13
4.1 <i>Sostenn operattiv.....</i>	13
4.1.1 L-Italja u l-Greċja.....	13
4.1.2 Il-Bulgarija u Ċipru	15
4.1.3 L-iżvilupp ta' għodod ta' appoġġ għall-operazzjonijiet u għar-rilokazzjoni	15
4.2 <i>Informazzjoni u analiżi.....</i>	16
4.2.1 Is-Sistema ta' Informazzjoni u Dokumentazzjoni (IDS).....	16
4.2.2 Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tħejjija	16
4.2.3 Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-Unjoni Ewropea	17
4.3 <i>Appoġġ permanenti.....</i>	17
4.3.1 Taħriġ	17
4.3.2 Il-proċessi tal-asil.....	20
4.3.3 Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini	20
4.3.4 Kooperazzjoni mal-membri tal-qrati u tat-tribunali	22
4.3.5 Attivitajiet tal-EASO fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli	23
4.3.6 In-netwerk ta' Dublin.....	24
4.3.7 Akkoljenza.....	24
4.3.8 Ir-Ritorn u l-integrazzjoni.....	24
4.3.9 Għodod oħra għal appoġġ permanenti - lista ta' lingwi disponibbli tal-EASO.....	25
4.3.10 Appoġġ lil pajjiżi terzi.....	25
4.3.11 Ir-risistemazzjoni.....	26
4.4 <i>L-attivitajiet orizzontali tal-EASO.....</i>	26
4.4.1 In-netwerk ta' kooperazzjoni tal-EASO.....	26
4.4.2 Komunikazzjoni u relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.....	27
4.4.3 Forum Konsultattiv	28
Annessi	30
A.I. <i>L-istruttura organizzattiva tal-EASO.....</i>	30
A.II. <i>Il-baġit tal-EASO fl-2016.....</i>	31
A.III. <i>Persunal tal-EASO.....</i>	33

Lista ta' abbrevjazzjonijiet

AIP	Riżerva ta' intervent fil-qasam tal-asil
AMIF	Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni
AST	Tim ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil
ATCR	Konsultazzjonijiet Annwali Tripartitiċi dwar ir-Risistemazzjoni
COI	Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini
DĠ HOME	Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni
DĠ NEAR	Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir
DĠ RTD	Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
EASO	L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil
ECP	Punti ta' Kuntatt tal-EASO
EMAS	Skema tal-Għotja ta' Assistenza ta' Emerġenza
EMN	Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni
EMN REG	Grupp ta' Esperti dwar ir-Ritorn tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni
ENPI	Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija
EPAM	Pjattaforma Ewropea tal-NGOs dwar l-Asil u l-Migrazzjoni
EPRA	Pjattaforma Ewropea ta' Aġenziji ta' Akkoljenza
EPS	Sistema ta' twissija bikrija u ta' tnejn
ERIN	Netwerk Ewropew dwar Strument ta' Riintegrazzjoni
EU-FRANK	Proġett dwar l-Iffaċilitar tar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni tar-Refuġjati permezz ta' Għarfien Ġdid
eu-LISA	Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
Eurojust	Unità għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea
Europol	Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija
FRA	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali
Frontex	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
ĠAI	Ġustizzja u Affarijiet Interni
GPS	Grupp għall-Forniment tal-Istatistika
HOP	Pjan operattiv għall-hotspots
HROP	Pjan operattiv għar-rilokazzjoni tal-hotspots
IARLJ	Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Liġi dwar ir-Refuġjati
IAS	Servizz tal-Awditjar Intern
IDS	Sistema ta' Informazzjoni u ta' Dokumentazzjoni
IOM	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni
IPA	Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni
IPCR	Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi
ISAA	Sensibilizzazzjoni u Analiżi Integrati tas-Sitwazzjoni
JRC	Ċentru Konġunt tar-Riċerka
LAL	Lista ta' lingwi disponibbli
MedCOI	Informazzjoni Medika dwar il-Pajjiż ta' Oriġini
NCP	Punt ta' Kuntatt Nazzjonali EASO Rapport Ġenerali Annwali 2016 -- 5
NCPA	Amministratur tal-Portal Komuni Nazzjonali
NGO	Organizzazzjoni Mhux Governattiva
NJTB	Korpi Ġudizzjarji Nazzjonali ta' Taħriġ
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

OSĊ	Organizzazzjoni tas-Soċjetà Ċivili
OVT	Għodda għall-verifika tal-oriġini
QIEE	Inizjattiva tal-Kwalità tas-Sistemi tal-Asil fl-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkasu tan-Nofsinhar
RDPP NA	Programm Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni - l-Afrika ta' Fuq
SEKA	Sistema Ewropea Komuni tal-Asil
SSP	Pjan ta' Appoġġ Speċjali
UE	L-Unjoni Ewropea
UE+	L-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati
UNHCR	L-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati
WB	Il-Balkani tal-Punent

Daħla

Mis-Sur José Carreira, Direttur Eżekuttiv tal-EASO

Is-sena 2016 kienet sena importanti għall-EASO iżda wkoll waħda mill-iktar snin ta' sfida s'issa.

Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-EASO fid-19 ta' Ġunju 2010, l-Aġenzija bdiet topera fl-1 ta' Frar 2011. Għaldaqstant, l-EASO laħaq il-ħames sena ta' ħidma tiegħu fl-2016. Bla dubju nistgħu niċċelebraw il-kisbiet tal-Aġenzija f'dawn l-ewwel snin bl-għarfien li l-futur qrib ser iġib bidliet importanti għar-responsabbiltajiet tal-EASO u t-trasformazzjoni tiegħu f'aġenzija vera u proprja.

Fuq livell personali, fl-2016 kien hemm il-ħatra tiegħi bħala d-Direttur Eżekuttiv il-ġdid tal-EASO, sena li fiha rajna avvenimenti importanti. L-iffirmar tad-Dikjarazzjoni bejn l-UE-Turkija fit-18 ta' Marzu, diversi konklużjonijiet tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2016 li tistabbilixxi l-prijoritajiet għat-titjib tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, kif ukoll il-proposti tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2016 għal aġenzija tal-asil ġdida tal-UE, riforma tas-sistema ta' Dublin u emendi għas-sistema Eurodac, u proposti tat-13 ta' Lulju 2016 għal riforma

tad-Direttivi dwar il-Proċeduri tal-Asil, dwar il-Kwalifika u dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza qed jimbuttaw lill-EASO fuq quddiem nett ta' attivitajiet relatati mal-asil.

Responsabbiltajiet ġodda u mwessgħin iġibu sfidi ġodda. Mil-lat operattiv, l-EASO kien attiv ħafna fl-appoġġ għall-Istati Membri, b'mod partikolari għall-Greċja u għall-Italja, huma u jindirizzaw pressjoni bla preċedent u kontinwa fuq il-proċedura tal-asil tagħhom. Il-preżenza tal-EASO fil-hotspots, appoġġjata minn esperti mill-pajjiżi tal-UE+, kienet teħtieġ ippjanar loġistiku kumpless u twassil rapidu biex l-operazzjonijiet fuq il-post jibdeu u jsiru effettivi. Dan bl-ebda mod ma ġie ffaċilitat mill-kundizzjonijiet ta' sfida li l-persunal u l-esperti tagħna jridu joperaw fihom. Barra minn hekk, l-EASO ma ġie provdut bin-numri ta' esperti tal-Istati Membri li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-operazzjonijiet fuq skala sħiħa fil-hotspots.

Fis-7 ta' Novembru, l-EASO laqa' lil Dimitris Avramopoulos, il-Kummissarju għall-Migrazzjoni, l-Affarijiet Interni u ċ-Ċittadinanza, fil-kwartieri ġenerali tiegħu f'Malta.



Ninsab kuntent nara li din l-aġenzija, li hi involuta sew fir-rispons tal-UE għall-isfidi migratorji attwali, irnaxxiha, fi żmien qasir ħafna, tistabbilixxi ruħha bħala membru ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Programm tar-Rilokazzjoni tal-UE u fid-Dikjarazzjoni UE-Turkija.

Il-Kummissarju Avramopoulos waqt iż-żjara tiegħu lill-EASO, 7 ta' Novembru 2016

Il-Kummissarju radd ħajr lill-EASO għar-rwol kruċjali tiegħu fil-qasam, fl-Italja u fil-Greċja, u kkummenta li l-Aġenzija, fi żmien qasir ħafna, irnexxielha tistabbilixxi ruħha bħala membru ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Programm tar-Rilokazzjoni tal-UE u fid-Dikjarazzjoni UE-Turkija.

Minkejja l-livell għoli ta' attività operattiva, l-EASO ta kontribut tajjeb fl-oqsma ewlenin tan-negozju l-oħra tiegħu: informazzjoni u analiżi, appoġġ permanenti u attivitajiet orizzontali.

Il-partijiet ikkonċernati tal-EASO huma kruċjali għas-suċċess tal-attivitajiet tal-Aġenzija. Matul l-2016, konna involuti mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija, l-Istati Membri, il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, l-aġenzji tal-UE tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni, organizzazzjonijiet mhux governattivi u s-soċjetà ċivili. Is-sitt laqgħa plenarja annwali tal-Forum Konsultattiv tal-EASO, li saret f'Ateni fit-28 u d-29 ta' Novembru 2016, laqqgħet

flimkien lil aktar minn 200 parteċipant minn 35 pajjiż tal-UE+ u mhux tal-UE f'avveniment li pprova forum għal djalogu f'format kompletament parteċipatorju.

Fil-livell tal-organizzazzjoni tal-EASO, is-sena 2016 rat l-elezzjoni mill-ġdid ta' Mag. Wolfgang Taucher bħala President tal-Bord tat-Tmexxija tal-EASO għat-tieni mandat ta' tliet snin. F'nofs l-2016 tnediet organizzazzjoni mill-ġdid tal-aġenzija li adattat l-EASO għall-isfidi l-ġodda tiegħu u ttippreparah jerfa' responsabbiltajiet ġodda. Il-ħatra ta' Kapijiet tad-Dipartimenti ġodda, appoġġjati mill-Kapijiet tal-Unità u l-Kapijiet tas-Settur, kienet strumentali fir-rinfurzar tat-tim tal-maniġment superjuri. Il-ftuħ ta' uffiċċji tal-EASO f'Ruma u f'Ateni jenfasizza r-rwol li qed jespandi tal-EASO fl-UE kollha hekk kif jersaq aktar viċin tal-hotspots. Madankollu, il-membri tal-persunal tal-EASO jibqgħu l-qalba tal-Aġenzija u, hekk kif nilqa' aktar minnhom fil-Kwartieri Ġenerali, fl-uffiċċji reġjonali u fil-hotspots tagħna, niringrazzjahom talli għamlu l-2016 sena ta' suċċess.



Laqgħa tal-Kummissarju Avramopoulos mal-Persunal tal-EASO, 7 ta' Novembru 2016

1. Introduzzjoni

Il-missjoni tal-EASO

Il-missjoni tal-EASO hi li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil billi jipprovdi appoġġ u jiffaċilita, jikkoordina u jsaħħaħ il-kooperazzjoni Prattika fost il-pajjiżi tal-UE+ bħala ċentru indipendenti ta' għarfien espert dwar l-asil.

Il-prinċipji tal-EASO

Biex jaqdi l-missjoni tiegħu, l-EASO josserva l-prinċipji li ġejjin:

- jipprovdi sostenn komprensiv u f'waqtu u lill-Istati Membri li jitolbuh;
- jistimula l-kwalità u l-effikaċja tas-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tal-Istati Membri;
- jaġixxi bħala ċentru ta' għarfien espert indipendenti u imparzjali;
- jipprovdi data, analiżi u valutazzjonijiet preċiżi u aġġornati dwar materji relatati mal-asil;
- jappoġġja lill-Istati Membri sabiex jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom fil-qasam tal-asil u juri solidarjetà mal-Istati Membri li s-sistemi tal-asil tagħhom jinsabu taħt pressjoni;
- jiffaċilita u jistimula miżuri konġunti u komuni ta' kooperazzjoni Prattika fil-qasam tal-asil, sabiex b'hekk irawmu fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri;
- jipprovdi kontribut ibbażat fuq l-evidenza lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE dwar l-asil;
- jikkoopera mal-istituzzjonijiet tal-UE, mal-aġenziji u l-korpi tal-UE, ma' pajjiżi terzi, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u mas-soċjetà ċivili.

Ir-Rapport Ġenerali Annwali tal-EASO

Ir-Rapport Ġenerali Annwali jiddeskrivi l-kisbiet tal-Aġenzija fl-2016 u jitħejja skont l-Artikolu 29(1)(c) tar-Regolament dwar l-EASO ⁽¹⁾. Ir-rapport hu adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-EASO u jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, inkluż is-Servizz tal-Awditjar Intern, u lill-Qorti tal-Awdituri sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju 2017. Ir-Rapport Ġenerali Annwali hu dokument pubbliku u jiġi tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

L-EASO jipproduċi rapport annwali separat dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 12(1) u 29(1)(d) li jsir disponibbli għall-pubbliku.



Persunal tal-EASO ma' waħda mill-familji fil-kampijiet fil-Greċja

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jstabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.

2. Nistabbilixxu l-isfond: żviluppi fl-2016

In-numru għoli ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE+ ippersista matul l-2016, u dan tefa' pressjoni fuq is-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza ta' diversi Stati Membri. Dan affettwa b'mod partikolari l-proċess tal-applikazzjoni u tad-determinazzjoni tal-asil, l-istandards tal-akkoljenza u l-aċċess għas-servizzi. Is-sitwazzjoni għiegħlet lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jirrikorru għal miżuri ta' emerġenza, bħall-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija u l-istabbiliment mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni.

Is-sitwazzjoni ta' deterjorament f'ħafna reġjuni ġirien tal-UE kienet fattur determinanti fl-influss fuq skala kbira għall-pajjiżi tal-UE+, li enfasizzat il-ħtieġa għal monitoraġġ mill-qrib tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi tal-orijini tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, u l-ħtieġa għall-ippjanar ta' kontinġenza sinkronizzat u flessibbiltà biex jingħata rispons xieraq malajr.

L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni ⁽²⁾, adottata fit-13 ta' Mejju 2015, tat id-direzzjoni strateġika u ddeskriviet serje ta' passi li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jieħdu biex isawru approċċ koerenti u komprensiv biex jiksbu l-benefiċċji u jindirizzaw l-isfidi li jiġu mill-migrazzjoni.

L-ewwel avveniment prinċipali fl-2016 li kellu impatt sinifikanti fuq l-EASO kien id-Dikjarazzjoni tal-UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016 li tat mandat lill-EASO biex jappoġġja l-implimentazzjoni ta' diversi miżuri fil-Greċja, b'mod partikolari l-proċedura tal-ammissibbiltà. Barra minn hekk, l-EASO appoġġja l-implimentazzjoni tal-iskema 1:1 stabbilita biex tissostitwixxi l-qsim irregolari u perikoluż tal-migranti mit-Turkija lejn il-gżejjer Griegi bil-kanal legali tar-risistemazzjoni mit-Turkija lejn l-UE. Għal kull individwu Sirjan li ntbagħat lura t-Turkija, jiġi risistemmat Sirjan ieħor mit-Turkija lejn l-UE.

Dawn l-iżviluppi kellhom implikazzjonijiet dwar l-attivitajiet tal-EASO fil-Greċja permezz tal-hekk imsejjaħ approċċ tal-hotspots. L-EASO appoġġja lill-awtoritajiet Griegi billi daħħal fis-seħħ l-infrastruttura meħtieġa fil-hotspots, inkluż persunal, servizzi ta' interpretazzjoni u taġmir mobbli. Ġew stazzjonati ASTs fuq il-gżejjer biex jeżaminaw talbiet għall-protezzjoni internazzjonali, inklużi partijiet speċifiċi tal-proċedura bħall-ammissibbiltà u l-eliġibbiltà għal nazzjonalitajiet b'rati baxxi ta' rikonossiment. Barra minn hekk, l-attivitajiet tal-EASO fil-Greċja appoġġjaw l-implimentazzjoni tal-iskema tar-rilokazzjoni f'erba' oqsma: l-għoti ta' informazzjoni fil-hotspots, ir-reġistrazzjoni

tal-applikazzjonijiet għar-rilokazzjoni, l-appoġġ għall-Unità Griega ta' Dublin, u l-appoġġ dwar skoperta ta' frodi tad-dokumenti



Persunal tal-EASO jilgħab ma' wieħed mit-tfal fil-kampijiet fil-Greċja

Fl-Italja, l-EASO appoġġja l-implimentazzjoni tal-iskema tar-rilokazzjoni bl-identifikazzjoni minn qabel tal-applikanti eliġibbli li jistgħu jiġu rilokati u bl-għoti ta' informazzjoni rilevanti. L-aġenzija appoġġjat ukoll ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet, l-indirizzar ta' talbiet ta' Dublin "biex tittieħed responsabbiltà", u t-tnejn ta' deċiżjonijiet dwar ir-rilokazzjoni.

Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni bit-titlu "Għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u għat-tisħiħ ta' rotot legali lejn l-Ewropa" ⁽³⁾, li fiha stabbilixxiet ħames prijoritajiet għat-titjib tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA). Waħda minn dawn il-prijoritajiet kienet mandat għid għall-aġenzija tal-asil tal-UE.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prassi għal Deċiżjonijiet dwar l-Asil, adottati fil-21 ta' April 2016 fuq l-inizjattiva tal-Presidenza Netherlandiża, stiednu lill-EASO jistabbilixxi struttura għal netwerk ta' politika f'livell għoli bl-għan li b'mod konġunt jinterpreta l-Infurmazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (COI) u jiżviluppa gwida għall-pajjiż. Barra minn hekk, b'kooperazzjoni man-netwerk tal-politika, l-EASO kien mistieden jibda eżerċizzju pilota dwar l-iżvilupp ta' politika komuni abbażi ta' rapport komuni u elaborat tas-COI dwar l-Afganistan.

Il-kompiti l-ġodda assenjati lill-EASO permezz tad-Dikjarazzjoni tal-UE-Turkija u sussegwentement permezz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ħtieġu prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-attivitajiet ippjanati minħabba l-attenzjoni miżjuda fuq l-appoġġ operattiv.

⁽²⁾ COM(2015) 240 final.

⁽³⁾ COM(2016) 197 final.



Is-slogan tal-EASO: Il-Missjoni tagħna hija li nagħtu appoġġ

Fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni, bħala parti mill-ewwel pakkett ta' riforma tas-SEKA, ippreżentat proposta għal Regolament ġdid ⁽⁴⁾ li ser jittrasforma l-EASO f'aġenzija vera u proprja, kif ukoll proposti għar-riforma tas-sistema ta' Dublin u għal emendi għas-sistema Eurodac. Fit-13 ta' Lulju 2016 segwa sett sekondarju ta' proposti leġiżlattivi għal riforma tad-Direttivi dwar il-Proċeduri għall-Asil u dwar il-Kwalifiki kif ukoll id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza. Dawn huma intenzjonati li jwasslu r-riforma sħiħa tal-partijiet kollha tas-sistema tal-asil tal-UE, li tinkludi miżuri biex jiġi evitat it-tfixkil tal-mekkaniżmu ta' Dublin minn abbużi u tentattivi għal tħajjir għall-asil minn applikanti għal u benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali.

Fir-rigward tal-attivitajiet ta' dimensjoni esterna, il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni ⁽⁵⁾, stabbilixxiet mod ġdid biex ikun hemm ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni ma' Pajjiżi Terzi ibbażat fuq il-politiki u l-istrumenti finanzjarji li twasslu b'mod konġunt bħala pakkett Ewropew.

Iż-żieda sinifikanti fl-attivitajiet operattivi tal-EASO relatati mal-hotspots u mar-rilokazzjoni ħtieġet riżorsi finanzjarji addizzjonali, li saru disponibbli mill-Kummissjoni fl-ewwel kwart tal-2016. L-EASO beda s-sena b'baġit ta' €19.4 miljuni u għalaq is-sena b'baġit ta' €53.1 miljuni. Dawn ir-riżorsi ġew allokati għal oqsma ewlenin, prinċipalment għall-operazzjonijiet fl-Italja u fil-Greċja, għall-iżvilupp ta' għodod għar-rilokazzjoni, għan-netwerk ta' Dublin u għal attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati mar-rilokazzjoni.

Ir-rwol tal-EASO fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija fil-Greċja, inkluż l-istazzjonament ta' mijiet ta' esperti u interpreti kif ukoll ir-rabta b'kuntratt ta' servizzi anċillari, żied b'mod esponenzjali n-nefqa operattiva tal-EASO ferm iktar minn kwalunkwe stima

preċedenti tal-baġit. Għaldaqstant, fis-6 ta' Ġunju 2016, l-EASO rċieva finanzjament ta' Assistenza ta' Emerġenza - AMIF (EMAS) biex ikopri l-ispiża tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt UE-Turkija. Fl-aħħar kwart tal-2016 ingħata finanzjament addizzjonali lill-EASO biex tiġi koperta l-ispiża tal-attivitajiet operattivi tiegħu sal-aħħar tas-sena.

Is-sena 2016 rat ukoll żviluppi importanti fit-tmexxija tal-EASO. Is-Sur José Carreira ntgħażel mill-Bord tat-Tmexxija bħala d-Direttur Eżekuttiv il-ġdid tal-EASO. Hu beda jaħdem f'April 2016, wara li serva bħala Direttur Eżekuttiv interim mill-1 ta' Novembru 2015. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija tal-EASO, Mag. Wolfgang Taucher, ġie elett mill-ġdid għat-tieni mandat ta' tliet snin fil-laqgħa li saret f'Janjar 2016.



Mag. Wolfgang Taucher u s-Sur José Carreira

L-isfidi operattivi affaċċjati mill-EASO kif ukoll il-bidliet previsti fil-proposta tal-Kummissjoni għal aġenzija ġdida tal-UE għall-asil wasslu għal organizzazzjoni mill-ġdid tal-istruttura organizzattiva interna tal-EASO biex iwasal aħjar ir-rwol li qed jikber tiegħu u jipprepara għar-responsabbiltajiet li jiġu introdotti bil-mandat il-ġdid. L-aġenzija għamlet progress sinifikanti fir-reklutaġġ biex timla karigi ewlenin fl-istruttura interna, inklużi karigi fil-maniġment superjuri, kif ukoll fil-ħatra ta' uffiċjali ta' kollegament għall-istituzzjonijiet tal-UE fi Brussell u għall-Frontex biex trawwem relazzjonijiet aktar mill-qrib u tiffaċilita l-kooperazzjoni f'oqsma ta' interess reċiproku. Barra minn hekk, sabiex jiffaċilita l-operazzjonijiet tiegħu fil-Greċja u fl-Italja u biex jirrinforza l-preżenza tiegħu fl-Istati Membri fis-snin li ġejjin, l-EASO fetaħ uffiċċji operattivi f'Ateni u f'Ruma.

⁽⁴⁾ COM(2016) 271 final.

⁽⁵⁾ COM(2016) 385 final.

3. Il-prijoritajiet tal-EASO fl-2016

L-EASO ddefinixxa l-prijoritajiet tiegħu għall-2016 fil-Programm ta' Ħidma 2016, adottat mill-Bord tat-Tmexxija fl-24 ta' Settembru 2015 u sussegwentement aġġustat f'konformità mal-baġit adottat tal-UE. Il-programm ta' ħidma ġie emendat tliet darbiet u l-baġit ġie emendat erba' darbiet biex jitqiesu bidliet sinifikanti li seħħew matul l-2016.

Il-prijoritajiet tal-EASO fl-2016 kienu:

- **Hotspots**

F'kooperazzjoni u f'koordinazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni Ewropea u ma' Aġenziji oħra involuti, li jikkontribwixxi għall-approċċ hotspot il-ġdid u jżid il-preżenza tal-persunal tal-EASO u tat-timijiet tal-esperti tal-Istati Membri fuq il-post, bl-għan li jappoġġjaw b'mod partikolari l-Italja u l-Greċja biex jindirizzaw il-pressjoni miżjuda fuq is-sistemi tal-asil tagħhom.



Persunal tal-EASO f'Lesvos, il-Greċja



Persunal tal-EASO f'Idomeni, il-Greċja

- **Dikjarazzjoni UE-Turkija**

Li jappoġġja s-Servizz tal-Asil Grieg fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija.

- **Rilokazzjoni**

Li jappoġġja l-miżuri ta' rilokazzjoni maqbula fil-livell tal-UE, bħar-rilokazzjoni ta' 160,000 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni mill-Italja u mill-Greċja.

- **Implimentazzjoni koerenti tas-SEKA – Informazzjoni u Analiżi**

Li jtejjeb il-kapaċità tal-EASO biex jiġbor u jiskambja informazzjoni u dokumentazzjoni preċiża u aġġornata dwar il-funzjonament tas-SEKA u jkompli jiżviluppa Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tħejjija (EPS) biex tiġi pprovduta analiżi tax-xejriet.

Li jipproduċi Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (COI) aktar komuni u jippromwovi l-użu effettiv tagħha.

Li jkompli l-produzzjoni ta' informazzjoni rilevanti għad-deżinjazzjoni possibbli ta' pajjiżi ta' oriġini siguri.

Li jmexxi l-iżvilupp ta' Sistema ta' Informazzjoni u Dokumentazzjoni (IDS) li sservi bħala punt ta' referenza ċentrali għall-informazzjoni dwar is-sistemi tal-asil fl-Unjoni Ewropea u żviluppi rilevanti fir-rigward tal-implimentazzjoni tas-SEKA.

Li jkompli jiżviluppa l-ġbir ta' data operattiva u rapporti biex itejjeb l-istampa tas-sitwazzjoni u jippermetti għal ipplanar u teħid ta' deċiżjonijiet operattivi aħjar.

- **Implimentazzjoni koerenti tas-SEKA – Titjib tal-kwalità tal-proċessi tal-asil**

Li jkompli jiżviluppa għodod u linji gwida bl-għan li titjeb il-kwalità tal-proċessi u d-deċiżjonijiet dwar l-asil.

Li jappoġġja l-identifikazzjoni aħjar ta' persuni vulnerabli, inkluż fil-kuntest tal-hotspots u waqt l-implimentazzjoni tar-rilokazzjoni.

Li jstabbilixxi Network ta' Dublin, network iddedikat tal-Unitajiet ta' Dublin nazzjonali, bl-għan li titrawwem il-kooperazzjoni reċiproka u l-applikazzjoni konsistenti tas-sistema ta' Dublin, inkluż għall-iskopijiet ta' rilokazzjoni.



Migrant li qed jiġi infurmat dwar il-Programm ta' Rilokazzjoni

- **Implimentazzjoni koerenti tas-SEKA – Kundizzjonijiet ta' akkoljenza**

Li jistabbilixxi netwerk dedikat ta' awtoritajiet ta' akkoljenza nazzjonali biex jitrawmu l-iskambju ta' informazzjoni u l-aqwa prattiki.

- **Implimentazzjoni koerenti tas-SEKA – Taħriġ**

Li jsaħħaħ ir-rwol tat-taħriġ komuni u l-iżvilupp professjonali fil-qasam tal-asil.

Li jstimula d-djalogu ġudizzjarju fil-qasam tal-asil.

- **Dimensjoni esterna**

Li jwettaq l-attivitajiet tal-EASO fil-Balkani tal-Punent u fit-Turkija permezz ta' kooperazzjoni mtejbja mal-aġenziji tal-UE (eż. Frontex) u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali biex jirrispondi għall-ħtiġijiet fir-reġjun billi jipprovidi bini tal-kapaċità, kif ukoll sostenn operattiv, filwaqt li jqis l-arranġamenti reġjonali eżistenti.

Li jkompli jappoġġja d-dimensjoni esterna tas-SEKA, inkluż ir-risistemazzjoni ta' 20,000 persuna fil-bżonn ta' protezzjoni.

- **Attivitajiet orizzontali**

Li jsaħħaħ is-sinerġiji fil-livell orizzontali fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tan-netwerk ta' kooperazzjoni tal-EASO.

Li jkompli jiżviluppa s-sistema ta' domandi tal-EASO biex jindirizza kwistjonijiet relatati mal-politiki u l-prattiki li jirrigwardjaw il-funzjonament tas-SEKA.

Li jinvolvi s-soċjetà ċivili b'mod effettiv u li jżid in-numru ta' persuni li tilħaq il-komunikazzjoni esterna tal-EASO.

4. Il-kisbiet tal-EASO fl-2016

Ir-riżultati tal-EASO għall-2016 huma deskritti fid-dettall hawn isfel taħt l-intestaturi rispettivi għall-attivitajiet tan-negozju ewlenin tiegħu.

4.1 Sostenn operattiv

L-EASO jwettaq l-attivitajiet ta' sostenn operattiv tiegħu bl-għan li jindirizza l-ħtiġijiet emerġenti tal-Istati Membri biex l-acquis tal-asil tal-UE jiġi implimentat b'mod sħiħ u biex jirrispondu għall-pressjoni partikolari dwar is-sistemi ta' akkoljenza u asil tagħhom. L-EASO jfassal is-sostenn operattiv tiegħu għall-ħtiġijiet speċifiċi kif ukoll għat-talbiet li jsiru mill-Istati Membri individwali.

4.1.1 L-Italja u l-Greċja

Is-sostenn operattiv fl-Italja u l-Greċja jingħata bl-istazzjonament ta' esperti tal-pajjiżi tal-UE+ f'Timijiet ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (AST) jew billi jingħata appoġġ ieħor kif ikun meħtieġ, inkluż permezz tal-lpprocessar Konġunt. L-EASO jikkoopera mal-korpi rilevanti fil-provvediment ta' dan l-appoġġ, billi jiddedika attenzjoni speċjali lill-kooperazzjoni operattiva mal-Frontex u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn. Biex jiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti tal-attivitajiet fil-prattika, l-EASO jipprovdi l-loġistika, it-tagħmir, l-għamara, il-materjali meħtieġa kif ukoll is-servizzi meħtieġa, bħal servizzi ta' interpretazzjoni jew ta' medjazzjoni kulturali, servizzi ta' trasport jew appoġġ amministrattiv.

L-EASO jappoġġja wkoll l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' rilokazzjoni fl-Italja u l-Greċja.

L-Italja

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016
Pjan Operattiv għar-Rilokazzjoni tal-Hotspots (HROP) 1 iffirmat u implimentat
170 espert stazzjonat għall-miżuri tal-HROP
3 miżuri ta' appoġġ previsti fl-HROP implimentati
2,654 persuna rilokati mill-Awtoritajiet nazzjonali tal-asil bl-appoġġ tal-EASO
7 esperti stazzjonati għall-miżuri tal-Pjan ta' Appoġġ Speċjali (SSP)
2 miżuri ta' appoġġ SSP implimentati
Saret valutazzjoni 1 tal-SSP
6 esperti stazzjonati għall-valutazzjoni tal-SSP

Fl-Italja, l-EASO pprovda appoġġ għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni bl-identifikazzjoni minn qabel tal-applikanti eliġibbli li jistgħu jiġu rilokati u bl-għoti ta' informazzjoni rilevanti (f'hotspots, punti ta' żbark u ċentri ta' akkoljenza fiż-żona ta' Ruma).

L-EASO appoġġja wkoll ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet (f'*hubs* tar-reġistrazzjoni u permezz ta' timijiet ta' *roving* li jkopru l-postijiet rilevanti skont il-ħtiġijiet fuq bażi *ad hoc*) u l-indirizzar ta' talbiet ta' Dublin "biex tittieħed responsabbiltà". Ġie pprovdut appoġġ ukoll għat-tnejjija ta' deċiżjonijiet dwar ir-rilokazzjoni.

L-EASO stabbilixxa preżenza permanenti ta' ASTs li jiprovdu informazzjoni dwar ir-rilokazzjoni fl-erba' hotspots operattivi Taljani (jiġifieri f'Lampedusa, Trapani, Taranto u Pozzallo) filwaqt li żewġ timijiet mobbli koprew Sqallija u Ruma. Ir-reġistrazzjoni ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, fid-dawl tal-proċedura tar-rilokazzjoni, ġiet appoġġjata mill-ASTs tal-EASO f'*hubs* reġjonali f'Villa Sikania (Agrigento), Milan (sat-tmiem ta' April 2016), Bari, Crotone u Mineo kif ukoll f'Ruma. Żewġ timijiet ta' *roving* għar-reġistrazzjoni ġew stazzjonati fuq bażi *ad hoc* għal postijiet indikati mill-awtoritajiet Taljani biex jappoġġjaw ir-reġistrazzjoni u jibnu l-kapaċità ta' partijiet ikkonċernati tal-pulizija lokali, li jkopru 24 post fl-Italja kollha. L-EASO stazzjona wkoll medjaturi kulturali biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tas-sostenn operattiv fl-Italja.

L-EASO pprovda tagħmir tekniku biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u effiċjenti. Ġew installati 7ames uffiċċji jew kontejners mobbli u saru disponibbli 25 stazzjonijiet tax-xogħol għall-awtoritajiet Taljani biex tiġi appoġġjata r-reġistrazzjoni. L-EASO appoġġja wkoll l-istazzjonament ta' persunal interim fl-Unità ta' Dublin.

L-EASO kompli jiprovdi informazzjoni dwar ir-rilokazzjoni u materjali ta' viżibbiltà ewlenin dwar ir-rilokazzjoni f'diversi lingwi. Applikazzjoni mobbli dwar ir-rilokazzjoni tnediet u saret disponibbli f'diversi verżjonijiet tal-lingwi (l-Għarbi, it-Tigrinya u l-Kurd). L-EASO għen ukoll f'diversi laqgħat mal-Istampa u ma' partijiet ikkonċernati oħra, ikkontribwixxa għas-sensibilizzazzjoni tal-proċess, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tar-rilokazzjoni u pprevjena informazzjoni ħażina.



Tfal jaqraw dwar il-Programm ta' Rilokazzjoni fil-kampijiet fil-Greċja

L-EASO, fir-rwol tiegħu bħala membru attiv ta' grupp ta' ħidma dwar ir-rilokazzjoni mmexxi mill-Ministru Taljan għall-Intern, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali, Frontex, Europol, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) ikkontribwixxa għall-iżvilupp ta' Proċeduri Operattivi Standard għall-hotspots Taljani u r-reviżjoni kontinwa tagħhom (inklużi aspetti rilevanti għas-sitwazzjoni ta' tfaġġ mhux akkumpanjati fil-hotspots). L-EASO għamel kontribut għall-protokoll ta' rilokazzjoni żviluppat għall-Italja. L-EASO pparteċipa wkoll f'laqgħat għall-bini tal-kapaċità għal partijiet ikkonċernati fil-hotspots li saru fis-sajf tal-2016.

Sabiex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tiegħu fl-Italja, l-EASO fetaħ uffiċċju operattiv f'Ruma fejn bħalissa hemm ibbażat ħafna mill-persunal tal-EASO. L-uffiċċju jipprovdi wkoll spazju għal sessjonijiet ta' ħidma u sessjonijiet ta' induzzjoni għal esperti stazzjonati fl-Italja, kif ukoll għall-attivitajiet żviluppati biex jappoġġjaw lill-awtoritajiet Taljani. Il-Fażi 2 tal-EASO SSP, implimentata sal-31 ta' Marzu 2016, iffokat fuq l-appoġġ għall-iżvilupp professjonali tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-Asil. Ġew estiżi miżuri ta' appoġġ magħżula fil-qasam tal-Infurmazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (COI) u seħħew attivitajiet rilevanti fir-raba' kwart tal-2016 fi ħdan il-baġit disponibbli. Bejn it-12 u s-16 ta' Diċembru 2016 f'Ruma saret valutazzjoni finali tal-Fażi 2 tal-SSP, organizzata flimkien mal-Ministru Taljan għall-Intern. Ir-rapport tal-valutazzjoni hu mistenni li jitlesta fil-bidu tal-2017.

Wara talba għal appoġġ mill-awtoritajiet Taljani, f'Diċembru 2016 ġie miftiehem u ffirmat Pjan Operattiv wieħed għall-2017 bejn l-Italja u l-EASO li jgħaqqad l-attivitajiet ta' appoġġ kollha, inkluż l-appoġġ għall-proċedura tar-rilokazzjoni. L-ewwel sejħa għall-esperti tnediet f'Diċembru 2016.

Il-Greċja

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016
Pjan Operattiv għall-Hotspots (HOP) 1 implimentat u 2 emendi ffirmati
489 espert stazzjonat; 160 għal attivitajiet relatati mar-rilokazzjoni u 329 għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija
4 miżuri ta' appoġġ implimentati
7,280 persuna rilokati mill-Awtoritajiet nazzjonali tal-asil bl-appoġġ tal-EASO
6,774 intervista li saru taħt l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija
54 espert stazzjonati għall-miżuri tal-Pjan ta' Appoġġ Speċjali (SSP)
6 miżuri ta' appoġġ SSP implimentati

L-attivitajiet tal-EASO fil-Greċja appoġġjaw l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tar-rilokazzjoni f'erba' oqsma: l-għoti ta' infurmazzjoni fil-hotspots (li jinsabu fil-gżejjer tal-Eġew ta' Lesbos, Chios, Samos, Leros u Kos), ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għal rilokazzjoni, l-appoġġ għall-Unità Griega ta' Dublin, u l-appoġġ fir-rigward tal-iskoperta ta' frodi tad-dokumenti.

Matul l-2016, ġiet introdotta miżura ġdida permezz ta' emenda għall-Pjan Operattiv għall-Hotspots, appoġġ bl-implimentazzjoni tal-proċedura tal-ammissibbiltà, sabiex jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-UE-Turkija. Saret emenda oħra fir-rigward tar-reġistrazzjoni minn qabel u tal-eliġibbiltà u l-proċedura sħiħa tal-eżami tal-asil għal nazzjonalitajiet b'rata ta' rikonoxximent baxxa.

Minbarra s-7,280 persuna li ġew rilokati, ġew ippreżentati 6,737 applikazzjoni mill-Greċja għall-Istati Membri tar-rilokazzjoni. Fit-tmiem tal-2016 dawn kienu għadhom fil-proċess tar-rilokazzjoni.

Fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, adottata fit-18 ta' Marzu 2016, l-EASO appoġġja lill-awtoritajiet Griegi billi daħħal fis-seħħ l-infrastruttura meħtieġa fil-hotspots, inklużi persunal, servizzi ta' interpretazzjoni u tagħmir mobbli. Ġew stazzjonati ASTs f'Lesbos, Chios, Samos, Leros, Kos u Corinth biex jiġu eżaminati talbiet għall-protezzjoni internazzjonali, inklużi partijiet speċifiċi tal-proċedura bħall-ammissibbiltà u l-eliġibbiltà għal nazzjonalitajiet b'rati ta' rikonoxximent baxxi. L-EASO implimenta r-rwol tiegħu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp tat-Tmexxija tal-Kummissjoni Ewropea, mal-Ministeri Griegi rilevanti u mas-Servizz tal-Asil Grieg.

Il-miżuri ta' hawn fuq ġew formalizzati b'żewġ emendi għall-Pjan Operattiv għall-Hotspots tal-EASO: l-ewwel f'April 2016 biex jiġi introdott appoġġ mal-implimentazzjoni tal-proċedura tal-ammissibbiltà, u t-tieni f'Lulju 2016 fir-rigward tar-reġistrazzjoni minn qabel u l-eliġibbiltà/il-proċedura sħiħa tal-eżami tal-asil għal nazzjonalitajiet b'rati baxxi ta' rikonoxximent.

Taħt l-SSP, l-EASO pprovda appoġġ lill-Greċja fl-oqsma li ġejjin: appoġġ fir-rigward tal-proċedura ta' akkoljenza, sessjoni ta' ħidma dwar l-aqwa interess tal-wild, laqgħat tan-Netzwerk ta' Dawk li Jħarrġu, appoġġ bil-fondi tal-UE u riżorsi finanzjarji oħra, sessjoni ta' ħidma Prattika dwar l-esklużjoni, u sessjoni ta' ħidma dwar il-kapaċità tas-COI – is-Sirja.

Wara talba għal appoġġ mill-awtoritajiet Griegi, f'Diċembru 2016 ġie miftiehem u ffirmat Pjan Operattiv Speċjali ġdid għall-2017 bejn il-Greċja u l-EASO li jgħaqqad l-attivitajiet ta' appoġġ kollha. Il-pjan jgħaqqad il-miżuri ta' appoġġ u l-attivitajiet operattivi kollha tal-EASO fil-Greċja, u b'hekk isawwar kooperazzjoni msaħħa bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet Griegi. L-ewwel sejħa għall-esperti tnediet f'Diċembru 2016.

4.1.2 Il-Bulgarija u Ċipru

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016
Il-Bulgarija:
10 miżuri ta' appoġġ attiv li qed jiġu implimentati
Ċipru:
6 miżuri ta' appoġġ attiv li qed jiġu implimentati

Fl-2016, l-EASO pprova appoġġ speċjali lill-Bulgarija u Ċipru fil-qafas tal-SSPs iffirmati maż-żewġ Stati Membri.

Il-Bulgarija

Matul l-2016 ġew implimentati numru ta' attivitajiet. Dawn inkludew sessjonijiet ta' taħriġ (modulu ħarreġ lill dawk li jħarrġu tas-SEKA, taħriġ fuq l-intervistar ta' tfal), sessjonijiet ta' ħidma (dwar l-esklużjoni, dwar l-identifikazzjoni ta' tortura, dwar il-kapaċità tas-COI - is-Sirja), konferenza dwar il-minuri mhux akkumpanjati, laqgħat (il-Matriċi ta' Kwalità tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) dwar il-Kwalità, l-Amministraturi Nazzjonali tal-Portal tas-COI (NCPA), in-Netwerk Speċjalist tas-COI dwar l-Iraq, in-Netwerk ta' Akkoljenza, in-Netwerk Strateġiku tas-COI, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, il-Kumitat ta' Kuntatt ta' Dublin, il-Grupp għall-forniment tal-istatistika (GPS), il-Ġestjoni tal-Kwalità, in-Netwerk tal-IDS), appoġġ mal-iżvilupp professjonali fil-prim istanza u fl-istanza ġudizzjarja, u appoġġ għall-interpretazzjoni f'lingwi mhux Ewropej (jiġifieri, il-Mongoljan, it-Tamil u s-Singaliż).

Saru żjarat ta' studju fir-Renju Unit, fin-Netherlands, fl-Ungerija, fil-Belġju, fil-Polonja u fi Franza dwar l-akkoljenza magħluqa, ċentru vulnerabbli, u żjarat ġudizzjarji.

Ġew stazzjonati tliet esperti tal-Istati Membri fil-Bulgarija b'appoġġ għall-attivitajiet u 77 espert Bulgaru ntbagħtu lejn Stati Membri oħra, eż. fuq żjarat ta' studju. L-SSP għall-Bulgarija ġie emendat u estiż sat-30 ta' Ġunju 2017.

Ċipru

Ċipru bbenefika minn numru ta' attivitajiet ta' appoġġ li inkludew sessjonijiet ta' taħriġ (taħriġ ġudizzjarji għall-Qorti Amministrattiva, taħriġ nazzjonali dwar l-akkoljenza, taħriġ tal-Eurodac għall-pulizija u l-persunal tal-asil) u taħriġ fuq il-post tax-xogħol immirat għal sistemi ta' tutela.

Żjara ta' studju fuq is-sistema elettronika ta' dħul u ħruġ ta' ċentru ta' akkoljenza miftuħ ġiet organizzata fl-Ungerija u saret żjara ta' studju dwar ix-xelters tan-nisa fil-Belġju.

Ġew stazzjonati ħames esperti tal-Istati Membri f'Ċipru u 16-il espert Ċiprijott ntbagħtu lill Stati Membri oħra, eż. fuq żjarat ta' studju. L-SSP għal Ċipru ġie emendat u estiż sat-28 ta' Frar 2017.

4.1.3 L-iżvilupp ta' għodod ta' appoġġ għall-operazzjonijiet u għar-rilokazzjoni

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016
Għall-operazzjonijiet:
Tnieda l-iżvilupp tas-sistema elettronika tar-Riżerva ta' Intervent fil-qasam tal-Asil (AIP) tal-EASO.
2 Manwali għall-operazzjonijiet żviluppatti laqgħa 1 ta' AIP NCPs
Għar-rilokazzjoni:
11-il għodda żviluppata
2 sessjonijiet ta' taħriġ għall-interpreti

Matul l-2016, l-EASO ħadem fuq l-iżvilupp ta' manwal dwar il-komunikazzjoni operattiva, li jinsab fl-istadji finali u hu previst li jkun lest fil-bidu tal-2017. It-tieni manwal dwar l-ipproċessar konġunt u r-rapport tekniku tiegħu tlesta f'Settembru 2016. Ġiet żviluppata l-ewwel verżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Emerġenza u ser tiġi diskussa aktar għal aġġornament li jmiss.

L-EASO żviluppa mudelli għall-proċedura ta' wegħda u gwida għall-espressjoni ta' preferenzi fil-proċedura tar-rilokazzjoni. F'Mejju 2016 tlestiet għodda Prattika li tipprovdi gwida immirata lejn l-appoġġ għall-valutazzjoni tal-aqwa interessi tal-wild fil-kuntest tar-rilokazzjoni. Qed tiġi żviluppata t-tieni għodda Prattika li tikkonsisti f'materjal ta' informazzjoni adattat għat-tfal dwar il-proċeduri tal-asil u tar-rilokazzjoni. Għandha l-għan li tassisti lill-esperti tal-EASO preżenti fil-qasam billi tipprovdi informazzjoni mfassla apposta. Ġie ppubblikat fuq lejn bi gwida dwar il-ħolqien ta' fuqlejt ta' informazzjoni ta' qabel it-tluq mill-Istati Membri tar-rilokazzjoni.

Proċess ta' appoġġ ieħor stabbilit inkluda rispons ta' kwalità ta' darbtejn fix-xahar għall-opinjoni ippreparat mill-esperti tal-EASO stazzjonati fil-Greċja għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija. L-EASO pprepara wkoll materjali ta' taħriġ għall-interpreti sabiex jiġu ċċarati r-rwoli ta' dawk li jinteraġixxu fl-intervisti fi ħdan il-kuntest tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

Qed tiġi żviluppata għodda ta' tqabbil biex jiġi appoġġjat il-proċess tar-rilokazzjoni, fejn hu mistenni li l-ewwel interfaċċa li tista' tintuża tasal sat-tmiem tal-ewwel kwart tal-2017.

Biex jibni fuq is-sessjoni ta' ħidma avvanzata tal-Matriċi ta' Kwalità dwar l-esklużjoni organizzata fi Frar 2016, l-EASO żviluppa għodda ta' skrinjar ta' esklużjoni għal applikanti Sirjani fil-kuntest tal-iskema tar-rilokazzjoni. Ġiet organizzata sessjoni ta' induzzjoni f'Ateni f'Awwissu 2016 sabiex titkompla s-sensibilizzazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha.

Bl-użu tal-Approċċ tan-Netwerk tas-COI tal-EASO, l-EASO, b'mod konġunt mal-esperti tal-Istati Membri, ikompila u pproċessa COI rilevanti, bir-riżultat li l-portfolji ġew strutturati skont numru kbir ta' suġġetti rilevanti għall-verifika tal-orijini. Żewġ għodod għall-verifika tal-orijini (OVTs) dwar is-Sirja u l-Eritrea li ġew żviluppatti huma intiżi għall-użu ta' riċerkaturi tas-COI u ta' dawk li jieħdu deċiżjonijiet dwar l-asil.

L-EASO ntrabat li kull ġimgħa jirriloka l-ġbir tad-data mill-Italja u l-Greċja, u pproduċa rapporti ta' kuljum dwar il-progress tal-proċess tar-rilokazzjoni u rapporti fil-ġimgħa dwar l-istazzjonament ta' esperti u previżjonijiet tal-ħtieġa għall-esperti fis-sitt ġimgħat li ġejjin.

4.2 Informazzjoni u analiżi

4.2.1 Is-Sistema ta' Informazzjoni u Dokumentazzjoni (IDS)

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016
Informazzjoni miġbura mis-sistema nazzjonali tal-asil ta' 30 pajjiż tal-UE+
18-il pajjiż tal-UE+ membri tan-netwerk tal-IDS
Saru 2 laqgħat tan-netwerk tal-IDS
Kontenut tal-IDS validat ta' 5 pajjiżi tal-UE+

L-IDS hi librerija ta' tfittxija, disponibbli fuq l-Internet għal utenti interni rreġistrati, li tipprovdi ħarsiet ġenerali komprensivi ta' kif jitwettaq kull stadju prinċipali fil-proċess tal-asil fil-pajjiżi individwali tal-UE+ u fl-UE+ b'mod ġenerali, inklużi referenzi għal dokumenti rilevanti maħżuna fis-sistema. Tingħata wkoll informazzjoni dwar leġiżlazzjoni rilevanti, ġurisprudenza u informazzjoni statistika. It-taqsimiet tematiċi ewlenin li madwarhom hi organizzata l-IDS jinkludu: l-aċċess għall-proċedura, id-determinazzjoni fil-prim istanza, id-determinazzjoni fit-tieni istanza, il-proċeduri ta' Dublin, l-akkoljenza u d-detenzjoni, ir-ritorn u l-kontenut tal-protezzjoni/tal-integrazzjoni.

Matul l-2016, l-EASO kompli jżviluppa l-IDS tiegħu fejn ipprovda punt wieħed ta' informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tal-pajjiżi tal-UE+, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn il-funzjonament prattiku tas-SEKA għall-partijiet ikkonċernati rilevanti (primarjament pajjiżi tal-UE+, fl-istadju attwali tal-iżvilupp). Dan jissodisfa r-rwol tal-EASO li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-SEKA billi jorganizza, jikkoordina u jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni dwar prattiki nazzjonali billi joħloq bażijiet ta' data fattwali, legali u tal-każistika biex jiġi appoġġjat l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-acquis tal-asil. L-Aġenda Ewropea dwar

il-Migrazzjoni tappella wkoll għal mod aktar sistematiku kif tinġabar l-informazzjoni dwar il-funzjonament prattiku tas-SEKA.

Fi ħdan l-IDS, l-EASO qed jespandi u qed jaġġorna l-kontenut fuq firxa ta' suġġetti. L-informazzjoni tal-bidu nġabret minn firxa ta' sorsi inklużi rapporti tal-Matriċi ta' Kwalità tal-EASO, rapporti tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN), bażijiet ta' data tal-amministrazzjoni nazzjonali, input tal-membri tan-netwerk, u data miġbura għar-Rapport Annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-Unjoni Ewropea.

L-informazzjoni fl-IDS hi vvalidata u aġġornata bl-appoġġ tan-netwerk tal-IDS li jikkonsisti f'esperti nazzjonali minn amministrazzjonijiet tal-asil tal-pajjiżi UE+. Ġie żviluppatt ukoll mudell għall-ġbir tal-każistika min-netwerk ta' membri tal-qorti u tribunali tal-EASO, li rriżulta fi tliet membri tan-netwerk jipprovdu aġġornamenti tal-każistika.

4.2.2 Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tħejjija

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016
30 minn 30 pajjiż tal-EU+ ipprovde data kull xahar għas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tħejjija (Stadju III tal-EPS)
Tkomplija u espansjoni tal-ġbir ta' data kull ġimgħa dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE+
18-il rapport ta' intelligence tal-pajjiżi relatati mal-asil irċevuti matul il-pilota
11-il rapport ta' analiżi prodotti fix-xejra ta' kull xahar
8 ħarsiet ġenerali ta' risistemazzjoni prodotti
5 rapporti ta' darbtejn fix-xahar dwar l-implimentazzjoni ta' Dublin prodotti
51 rapport ta' kull ġimgħa prodotti
10 rapporti dwar il-mekkaniżmu tal-monitoraġġ ta' wara l-liberalizzazzjoni tal-visa
2 laqgħat tal-Grupp għall-Forniment tal-Istatistika
Il-programm ta' riċerka tal-EASO dwar fatturi li jnafru u li jattiraw (<i>push-pull</i>) għal flussi ta' asil differenti li huma għaddejnin.

L-EASO kompli jżviluppa s-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tħejjija (EPS) tiegħu, li għandha l-għan li tipprovdi lill-pajjiżi tal-UE+, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew b'informazzjoni f'waqtha u preċiża u analiżi dwar il-flussi tal-persuni li jfittxu l-asil lejn u fl-UE u l-kapaċità tal-pajjiżi tal-UE+ li jitrattaw magħhom.

L-EPS tikkontribwixxi għall-mekkaniżmu ta' twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni tal-kriżijiet previst fl-Artikolu 33

tar-Regolament ta' Dublin III ⁽⁶⁾. L-EASO ser ikompli jiżgura l-iżvilupp f'koerenza mal-ġbir tad-data tal-Eurostat u l-Frontex sabiex irawwem il-ħolqien ta' stampa effettiva tas-sitwazzjoni dwar il-migrazzjoni biex jikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika u t-tnejjija tar-rispons, kif rakkomandat fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni.

Fl-2016, l-EASO ġabar u analizza data skont l-indikaturi tal-Istadju III tal-EPS. Il-konformità laħqet livell tajjeb fejn id-dewmien fil-forniment tad-data ġeneralment kien qasir u ma kienx jaqbeż it-tliet ijiem. Madankollu, għadhom jippersistu diffikultajiet fil-preżentazzjoni ta' data dwar ċerti indikaturi ġodda tal-istadju III (jiġifieri dwar l-aċċess għall-proċedura – fejn m'hemmx sistema fis-seħħ biex tirreġistra t-tfassil ta' applikazzjoni - u mar-ritorn u l-akkoljenza – fejn ikun hemm diffikultajiet fil-forniment tad-data jekk l-attivitajiet mhumiex direttament iġġestiti mill-awtoritajiet tal-asil). Il-Grupp għall-Forniment tal-Istatistika (GPS) iddiskuta revizzjoni tal-indikatur tal-akkoljenza fil-laqgħa tiegħu f'Novembru 2016. Sar xogħol mas-sħab tal-UE biex jitjiebu l-kwalità u l-kompletezza tal-ġbir tad-data fuq ritorn fil-livell tal-UE. Il-kwalità tal-indikaturi tar-ritorn ġiet diskussa wkoll fil-laqgħa tal-GPS u ser isiru attivitajiet biex jiġu rieżaminati d-definizzjonijiet ta' dawn iż-żewġ indikaturi.

Inġabret intelligence dwar il-migrazzjoni relatata mal-asil mill-pajjiżi ewlenin ta' oriġini u tranżitu f'eżerċizzju pilota li sar minn kuntrattur fl-ewwel nofs tal-2016. Ġew ipprovduti tmintax-il Rapport tal-Intelligence dwar il-Pajjiżi li jkopru l-Afganistan, l-Iraq, il-Libja, il-Pakistan, is-Sirja u t-Turkija. Il-kwalità ta' ċerti riżultati ġiet indirizzata billi l-kuntrattur ingħata lista ta' kontroll tas-sorsi ta' informazzjoni li għandhom jiġu kkonsultati.

Bħala parti mill-mekkaniżmi tal-ġestjoni tal-kriżi fl-UE kollha ġew prodotti rapporti kull ġimgħa tal-EASO li jipprovdu ħarsa ġenerali aġġornata tas-sitwazzjoni tal-asil fl-UE+. Dawn ir-rapporti ġew kondiviżi mal-pajjiżi UE+ u mar-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) bħala input għar-rapporti ta' Sensibilizzazzjoni u Analiżi Integrati tas-Sitwazzjoni (ISAA). Il-ġbir tad-data ġie estiż biex jinkludi ħarsa ġenerali sħiħa lejn iċ-ċittadinanzi tal-applikanti kollha għal kull Stat Membru u tal-applikanti li jisħqu li huma minuri mhux akkumpanjati.

Bħala parti mill-iżvilupp tal-funzjoni ta' twissija bikrija u tnejjija tal-EASO, attivitajiet ta' riċerka dwar fatturi li jnaffru u li jattiraw għal flussi tal-asil differenti għamlu progress matul l-2016. Ir-rapport finali dwar rieżami tal-letteratura ta' fatturi sinifikanti li jnaffru u li jattiraw biex tiġi determinata l-migrazzjoni relatata mal-asil ġie

ppubblikat bl-Ingliż fl-aħħar kwart tal-2016. Ir-rapport finali dwar sħarriġ tal-metodoloġiji għall-valutazzjoni kwantitattiva tal-migrazzjoni relatata mal-asil tlesta u ser jiġi ppubblikat fl-2017. Fl-aħħar kwart tal-2016 ġie offrut u ngħata rieżami tal-istħarriġ ta' migranti relatati mal-asil u studju tal-fattibbiltà ta' sħarriġ tal-EASO.

L-EASO organizza żewġ avvenimenti f'dan il-qasam ta' attività: konferenza dwar ir-Riċerka dwar il-Migrazzjoni li saret fis-16 ta' Mejju 2016 u sessjoni ta' ħidma dwar Big Data u Twissija Bikrija fl-4 ta' Diċembru 2016. Ġie stabbilit ukoll Kumitat Xjentifiku għall-programm ta' riċerka tiegħu li jinvolve esperti ewlenin fil-qasam.

4.2.3 Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-Unjoni Ewropea

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016

30 pajjiż tal-UE+ taw kontribut għar-Rapport Annwali

Rapport adottat mill-Bord tat-Tmexxija u mniedi f'avveniment pubbliku

Ir-Rapport Annwali tal-EASO dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-UE jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tas-sitwazzjoni tal-asil fl-UE għal dawk li jfasslu l-politika u għall-partijiet ikkonċernati nazzjonali u tal-UE. Tletin Stat Membru tal-UE+ taw kontribut għar-rapport u ġie rċevut input ukoll mill-Kummissjoni, mill-Frontex, mill-UNHCR u mis-soċjetà ċivili. Wara l-adozzjoni tar-rapport mill-Bord tat-Tmexxija f'Ġunju 2016, tnieda pubblikament fi Brussell fit-8 ta' Lulju 2016 f'avveniment imxandar *live* flimkien mal-Laqgħa Annwali tan-Netwerk tal-Ġurnalisti. Ir-rapport sar disponibbli fuq is-sit web tal-EASO u tqassmu kopji lill-partijiet ikkonċernati rilevanti. Is-sejbiet ewlenin ġew tradotti f'24 lingwa tal-UE+.

4.3 Appoġġ permanenti

L-appoġġ permanenti tal-EASO lill-Istati Membri għandu l-għan li jappoġġja l-implimentazzjoni tas-SEKA u li jtejjeb il-kwalità tal-proċessi u s-sistemi tal-asil. L-għan tiegħu huwa li jippromwovi implimentazzjoni konsistenti tas-SEKA fi ħdan l-UE u li jikkondividi l-għarfien u l-ħiliet komuni, l-organizzazzjoni u l-proċeduri, l-informazzjoni, ir-riżorsi u l-aqwa Prattiki.

4.3.1 Taħriġ

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016

15-il sessjoni ta' taħriġ lil min iħarreġ li saru fl-EASO (Malta), ipparteċipaw 218-il persuna li jħarrġu

8 sessjonijiet ta' taħriġ lil min iħarreġ li saru f'4 pajjiżi, ipparteċipaw 102 persuni li jħarrġu

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ippreżentata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid), ĠU L 180, 29.06.2013, p. 31.

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016
361 sessjonijiet ta' taħriġ nazzjonali amministrati fuq il-pjattaforma tat-tagħlim elettroniku tal-EASO, tħarreġ 5,833 persunal nazzjonali
10 moduli tradotti mfassla fuq il-pjattaforma tat-tagħlim elettroniku tal-EASO
45 kors online mgħoddi għal pjattaforma ġdida ta' tagħlim elettroniku
10 korsijiet ta taħriġ ta' induzzjoni għal esperti stazzjonati għall-hotspots Griegi
Modulu 1 ġdid finalizzat, 5 moduli ġodda qed jiġu żviluppatti, tlestew 2 aġġornamenti tal-moduli u hemm 3 għaddejjin
Manwal ta' taħriġ 1 ippubblikat, manwal 1 qed jiġi żviluppat
13-il modulu tal-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO akkreditati minn imsieħeb estern
Tlesta rapport annwali 1 tat-taħriġ tal-2015

L-EASO jappoġġja lill-pajjiżi tal-UE+ fl-iżvilupp tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi tal-persunal tagħhom responsabbli minn materji li jikkonċernaw l-asil permezz ta' taħriġ komuni kwalitattiv. It-taħriġ tal-EASO jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni koerenti tas-SEKA billi jappoġġja l-istabbiliment ta' livell ta' kwalità komuni fl-UE kollha. Għal dan il-għan, l-EASO jsegwi approċċ b'żewġ direzzjonijiet: fuq naħa waħda, billi jiżviluppa materjal ta' taħriġ rilevanti u, fuq in-naħa l-oħra, billi jorganizza taħriġ ibbażat fuq sistema ta' għoti ta' taħriġ lil min iħarreġ.

Fl-2016, l-EASO ta sessjonijiet ta' taħriġ lil min iħarreġ fil-kwartieri ġenerali tiegħu f'Malta fil-moduli li ġejjin: "Tekniki għall-Intervisti", "Esklużjoni", "Inklużjoni", "SEKA", "COI", "Valutazzjoni tal-Evidenza", "Akkoljenza", "Regolament ta' Dublin III", "Intervisti lil Persuni Vulnerabbli", "Moduli għall-Maniġers", taħriġ fuq

il-pjattaforma l-ġdida tat-tagħlim elettroniku, "Ġeneru, l-Identità tal-Ġeneru u l-Orientazzjoni Sesswali", "Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil", "Intervistar tat-Tfal", "Drittijiet Fundamentali u Protezzjoni Internazzjonali fl-UE". Fil-Greċja saret sessjoni waħda ta' taħriġ lil min iħarreġ dwar l-Inklużjoni bħala miżura ta' Appoġġ Speċjali.

Saru sessjonijiet reġjonali ta' taħriġ lil min iħarreġ fi Vjenna (żewġ sessjonijiet saru fil-bini tal-FRA) dwar il-moduli tal-"Esklużjoni" u tal-"Inklużjoni", żewġ sessjonijiet f'Tallinn (fil-bini tal-eu-LISA) dwar il-moduli tal-"Valutazzjoni tal-Evidenza" u tal-"Inklużjoni", sessjoni waħda f'Montenegro fil-kuntest tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) dwar il-modulu tat-"Tekniki għall-Intervisti", u saru tliet sessjonijiet fil-Ġermanja dwar il-moduli tal-"Intervistar tat-Tfal" u tal-"Intervisti lil Persuni Vulnerabbli".


Minn aktar minn 16-il pajjiż tal-UE+ li qed jipparteċipaw fis-sessjonijiet ta' taħriġ nazzjonali amministrati dwar il-pjattaforma tat-tagħlim elettroniku tal-EASO, l-ogħla livell ta' parteċipazzjoni kien fil-Ġermanja (87 trainee), segwita min-Netherlands (81 trainee) u mill-Finlandja (42 trainee). Il-moduli bl-ogħla għażla, mit-13 li ġew aċċessati, kienu dwar l-"Inklużjoni" (2,556 parteċipant), it-"Tekniki għall-Intervisti" (1,324 parteċipant) u l-"Valutazzjoni tal-Evidenza" (800 parteċipant).

Il-migrazzjoni tas-soluzzjoni l-ġdida tat-tagħlim elettroniku u tal-korsijiet eżistenti tlestiet matul l-2016. F'Lulju, beda l-kontroll tal-kwalità tal-ewwel 15-il kors migrat u ġie segwit mill-kontroll tal-kwalità tal-40 kors li jmiss f'Novembru 2016. L-ewwel taħriġ ta' persuni nazzjonali li jħarreġ fuq is-soluzzjoni l-ġdida seħħ fl-EASO f'Ottubru. Is-soluzzjoni ġiet introdotta matul is-sessjonijiet ta' dawk li jħarreġ fl-aħħar kwart tas-sena. L-użu tas-soluzzjoni l-ġdida tat-tagħlim elettroniku għas-sessjonijiet ta' dawk li jħarreġ tal-EASO u għat-taħriġ nazzjonali tal-Istati Membri ser jibda f'Jannar 2017.



Uħud mill-manwali tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO

Figura 1: Sessjonijiet ta' taħriġ lil min iħarreġ u ta' taħriġ nazzjonali li saru fl-2016 u n-numru ta' parteċipanti (*Data għat-taħriġ nazzjonali disponibbli fis-17.01.2017)



L-iżvilupp ta' materjal ta' taħriġ u attività kontinwa tal-EASO. Il-Grupp ta' Referenza tat-Taħriġ tal-EASO kif ukoll il-Gruppi ta' Esperti għall-Kontenut jipprovdu input għall-abbozzar, ir-rieżami u l-finalizzazzjoni ta' manuskritti u manwali.

Fl-2016 ġie finalizzat modulu dwar "Didattiċi" u l-ewwel taħriġ pilota ngħata fit-tieni kwart tas-sena. Fl-aħħar tal-2016 kienu qed jiġu żviluppati ħames moduli oħra:

- Il-modulu "Introduzzjoni għall-Protezzjoni Internazzjonali" qed jgħaddi minn reviżjonijiet finali u hu mistenni li jiġi finalizzat kmieni fl-2017;
- Il-modulu "Drittijiet Fundamentali u Protezzjoni Internazzjonali" fl-UE jinsab fi stadju avanzat; is-sessjoni pilota ta' taħriġ lil min iħarreġ fil-modulu saret fit-tmiem tal-2016 u ser tipprovdi rispons għal emendi għall-manuskritt u għall-manwali ta' dawk li jħarrġu sabiex jitlesta kmieni fl-2017;
- Il-moduli "Traffikar tal-Bnedmin" u "Inklużjoni Avanzata" jinsabu fil-proċess li jiġu finalizzati; it-taħriġ pilota tal-moduli hu previst għat-tieni kwart tal-2017;
- Il-modulu "L-interpretar fil-kuntest tal-asil" jinsab fi stadju aktar bikri tal-iżvilupp fejn sar il-ġbir tal-informazzjoni kif ukoll ġew identifikati l-grupp fil-mira, ir-riżultati tat-tagħlim u deskrizzjoni preliminari; il-modulu ser jiġi żviluppat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-UNHCR: l-ewwel laqgħa tal-grupp ta' ħidma hi skedata f'Marzu 2017.

L-aġġornament tal-moduli "Valutazzjoni tal-Evidenza" u "Dublin III", li beda fl-2015, tlesta u fit-tieni kwart

tal-2016 ġew organizzati s-sessjonijiet pilota ħarreġ lil min iħarreġ. Il-moduli "Tekniki għall-Intervisti", "Intervisti lil Persuni Vulnerabbli" u "L-Intervistar tat-Tfal" ġew rieżaminati u tnieda l-aġġornament tat-tliet moduli kollha.

Barra minn hekk, ġie ppubblikat il-manwal dwar "Il-Ġeneru, l-Identità tal-Ġeneru u l-Orientazzjoni Sesswali" u l-iżvilupp tal-manwal dwar "It-tmiem tal-protezzjoni" ngħata bidu.

Matul l-2016, twestaq taħriġ ta' induzzjoni imfassal apposta għall-ewwel darba għall-esperti tal-EASO stazzjonati biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-proċeduri fuq il-fruntieri Griegi fil-kuntest tad-dikjarazzjoni UE-Turkija. Ingħata taħriġ f'intervalli regolari u ġie ssupplimentat b'sessjonijiet ta' ħidma *ad hoc*, kull meta kien meħtieġ. Id-durata medja tas-sessjonijiet ta' taħriġ kienet ta' jumejn u dawn kienu kkumpliementati minn sett ta' materjali ta' taħriġ li ngħataw lill-esperti. Ġew organizzati total ta' 10 sessjonijiet ta' taħriġ ta' induzzjoni bejn April u Diċembru 2016. Din ser issir attività regolari fl-appoġġ tal-kapaċità u tal-bini tal-kapaċità għall-attivitajiet operattivi tal-EASO fil-hotspots.

Matul l-2016 sar progress lejn il-kisba taċ-ċertifikazzjoni u l-akkreditazzjoni tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO. Fit-tieni u fir-raba' kwart tas-sena saru żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma għaċ-Ċertifikazzjoni u l-Akkreditazzjoni. Ir-riżultati tat-tagħlim għal 15-il modulu ġew riveduti minn espert estern u ġew akkreditati 13-il modulu.

Il-proċess għall-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-effikaċja tal-attivitajiet ta' taħriġ tal-EASO fil-pajjiżi tal-UE+ ngħata bidu b'valutazzjoni tal-offerti segwita minn kuntratt. Fil-bidu tal-2017 ser tiġi organizzata laqgħa ta' bidu.

Matul is-sena saru numru ta' laqgħat relatati mat-taħriġ:

- il-laqgħa annwali ta' dawk li jħarrġu f'Marzu 2016; il-konklużjonijiet intużaw għar-reviżjoni tat-tliet moduli tal-intervisti ("Tekniki għall-Intervisti", "Intervisti lil Persuni Vulnerabbli" u "L-Intervistar tat-Tfal");
- il-laqgħa ta' Taħriġ tal-Punti ta' Kuntatt Nazżjonali tal-EASO f'Mejju 2016; l-output intuża biex jtnieda l-iżvilupp tal-modulu tat-taħriġ għall-interpreti fit-tieni semestru tal-2016, biex jiġi emendat il-Pjan ta' Taħriġ tal-2016 tal-EASO, biex jiġu kkonsultati t-Termini ta' Referenza għall-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO, u biex titnieda sejħa għan-nomina ta' esperti għall-aġġornament tal-moduli tal-"Intervistar tat-Tfal".
- il-laqgħa tal-Grupp ta' Referenza fl-aħħar kwart tal-2016; l-output intuża biex tiġi aġġustata l-iskeda ta' żmien għall-kummenti tal-Grupp dwar il-manuskritti tal-moduli "Tekniki għall-Intervisti", "Intervisti lil Persuni Vulnerabbli", u biex jiġdied l-involviment tas-soċjetà ċivili fit-taħriġ tal-EASO.

4.3.2 Il-proċessi tal-asil

Matul l-2016, l-EASO kompli jtejjeb l-attivitajiet tal-koo-perazzjoni Prattika tiegħu li ngħataw bidu taħt il-Proċess tal-Matriċi ta' Kwalità tal-EASO skont l-għan ġenerali ta' appoġġ lill-Istati Membri biex jiksbu standards komuni fi ħdan is-SEKA. Il-Proċess tal-Matriċi ta' Kwalità tal-EASO jkopri b'mod komprensiv l-elementi ewlenin tas-SEKA permezz ta' mmappjar tal-prattiki u l-politiki attwali tal-Istati Membri segwit mill-iżvilupp ta' sett ta' riżultati interrelatati (laqgħat u rapporti tematiċi, lista ta' proġetti u inizjattivi). L-immappjar tal-prattiki u l-politiki tal-Istati Membri jikkontribwixxi wkoll għall-ġbir ta' informazzjoni taħt il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tas-SEKA.

L-EASO hu impenjat li jipprovi għodod prattiċi biex jappoġġja l-implimentazzjoni ta' kuljum tas-SEKA mill-uffiċjali tal-Istati Membri:

- Għodda Prattika dwar l-"Aċċess għall-Proċedura tal-Asil" ġiet finalizzata u ppubblikata. Tlesta l-iżvilupp tal-"Gwida u Indikaturi dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza" u d-dokument ġie ppubblikat f'Novembru 2016. Dan tal-aħħar qed jiġi tradott fi 22 lingwa tal-UE.
- Gwida Prattika dwar l-"Esklużjoni" ġiet finalizzata f'Novembru 2016 u qed tistenna l-pubblikazzjoni.
- Ġew magħmula disponibbli verżjonijiet addizzjonali tal-lingwi tal-gwida Prattika tal-EASO dwar il-"Valutazzjoni tal-evidenza" u dwar l-għodda tal-EASO għall-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali.

Inġabar rispons dwar l-użu ta' għodod prattiċi tal-EASO fil-laqgħa annwali tan-Netzwerk tal-Proċessi tal-Asil. L-informazzjoni ser tiġi pproċessata aktar, iżda l-konklużjonijiet preliminari huma li l-għodod jintużaw f'livelli differenti, inkluż direttament mill-grupp fil-mira tagħhom u biex jinfurmaw l-iżvilupp jew ir-rieżami tal-għodod nazżjonali.

L-EASO jikkondividi wkoll għodod prattiċi u proġetti li jappoġġjaw il-kwalità fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-asil tal-Istati Membri u aspetti oħrajn tas-SEKA. Rapport tal-Matriċi ta' Kwalità sar disponibbli għan-Netzwerk ta' Akkoljenza kif ukoll għan-Netzwerk tal-Proċessi tal-Asil. Immappjar tal-għodod u tal-proġetti tal-ġestjoni ta' kwalità tlesta qabel il-laqgħa tal-Ġestjoni tal-Kwalità f'Novembru 2016. Proġetti, inizjattivi u riżorsi rilevanti ta' kwalità jiġu kkompilati u jsiru disponibbli għan-Netzwerk tal-Proċessi tal-Asil.

Il-laqgħa annwali tan-Netzwerk tal-Proċessi tal-Asil ġiet organizzata f'Novembru 2016. Kienet opportunità biex jiġu evalwati l-iżviluppi fl-2016 u biex jiġi diskuss l-ippjanar għall-2017, inkluż riflessjoni fuq il-kamp ta' applikazzjoni u approċċ għall-eżerċizzju ta' evalwazzjoni previst għall-2017. Fl-2017 ġew identifikati suġġetti għall-iżvilupp ta' għodod prattiċi u rapporti tematiċi u ġie miftiehem l-approċċ għall-attivitajiet tal-2017.

Fi Frar 2016 ġiet organizzata sessjoni ta' ħidma dwar każijiet potenzjali ta' esklużjoni mis-Sirja, b'mod parallel ma' sessjoni ta' ħidma tas-COI dwar is-Sirja. Din ipermettiet il-bini ta' sinerġiji bejn esperti tal-politika u esperti tas-COI sabiex jiġu diskussi profili, sfidi u approċċi komuni fir-rigward ta' każijiet potenzjali ta' esklużjoni mis-Sirja. L-output tal-laqgħa qed jintuża għall-iżvilupp ta' għodda ta' skrinjar ta' esklużjoni għal każijiet Sirjani li jistgħu jintużaw fil-proċedura tar-rilokazzjoni kif ukoll fil-"Gwida Prattika dwar l-Esklużjoni".

Il-laqgħa tal-Matriċi ta' Kwalità dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza organizzata f'Marzu 2016 serviet bħala laqgħa ta' tnedija għan-Netzwerk tal-Awtoritajiet ta' Akkoljenza tal-EASO li jippermettilhom jiddiskutu t-termini ta' referenza u jaqblu dwar l-għanijiet u l-modalitajiet tan-Netzwerk. Ir-riżultati tal-laqgħa ser jintużaw għar-Rapport tal-Matriċi ta' Kwalità dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza kif ukoll għall-iżvilupp tal-"Gwida u Indikaturi dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza".

4.3.3 Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016

13-il rapport ġdid tas-COI prodotti

2 Għodod għall-Verifika tal-Oriġini (OVTs) iżviluppatti

10 netwerks tal-pajjiżi, b'total ta' 225 membru

Ir-risultati ewlenin tal-EASO fl-2016

Portal tas-COI ristrutturaturat b'9,732 dokument relatati, 5 bażijiet ta' data konnessi, 9,378 utent, 6,713-il dokument imniżżlin

6 laqgħat/konferenzi li saru dwar is-Sirja, l-Iraq, l-Eritrea, l-Afrika tal-Punent, il-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili u l-Għodod ta' Riċerka Online, b'total ta' 169 parteċipant

Network għall-Gwida tal-Pajjiż stabbilit

Il-ħidma tal-EASO fil-qasam tal-Infommazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (COI) hi maħsuba biex tiżviluppa sistema tas-COI tal-UE komprensiva bl-għan li tgħolli u tarmozza l-istandards tas-COI flimkien mal-pajjiżi tal-UE+ u ma' partijiet ikkonċernati oħra.

Matul l-2016, l-EASO pproduċa tliet rapporti ġodda tas-COI dwar l-Afganistan, wieħed kull wieħed dwar l-Eritrea, is-Somalja, il-Pakistan u t-Turkija, kif ukoll sitt rapporti dwar kull wieħed mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent: l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo, il-Montenegro u s-Serbja. Barra minn hekk tnedew żewġ stħarriġiet dwar l-Afganistan u s-Somalja. Ġie rċevut rispons pożittiv minn gruppi ta' utenti differenti, inklużi Networks Speċjalisti tas-COI, in-Netzwerk Strateġiku tas-COI, ħaddiema fuq il-każijiet, u membri ta' Qrati u Tribunali.

Minbarra r-rapporti regolari tas-COI, ingħata appoġġ lill-esperti tal-EASO fil-hotspots Griegi fil-kuntest tal-proċedura tal-ammissibiltà.

Bl-użu tal-Approċċ tan-Netzwerk tas-COI tal-EASO u f'kollaborazzjoni mal-esperti tal-Istati Membri, l-EASO ikkompila u pproċessa COI rilevanti, bir-risultat li l-portfolioes ġew strutturati skont numru kbir ta' suġġetti rilevanti għall-verifika tal-orijini. L-OVTs dwar is-Sirja u l-Eritrea tnedew f' Mejju u f' Awwissu 2016 rispettivament. Id-distribuzzjoni ta' OVTs hi limitata għal riċerkaturi tas-COI u għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-asil.

In-netwerks tal-kooperazzjoni Prattika speċjalizzati tal-EASO dwar pajjiżi speċifiċi tal-orijini laħqu l-10 fin-numru, fejn l-aktar wieħed ġdid għall-Afrika tal-Punent ġie stabbilit f'Novembru 2016. In-numru ta' membri u supplenti fin-netwerks tal-pajjiżi huma s-Sirja - 34, is-Somalja - 21, il-Pakistan - 21, l-Iraq - 29, l-Iran - 13, ir-Russja - 20, l-Afganistan - 24, l-Eritrea - 23, l-Ukrajna - 21 u l-Afrika tal-Punent - 19. Tnieda stħarriġ tal-approċċ tan-netwerk u ġie analizzat ir-rispons minn StratNet u min-netwerks tal-pajjiżi. Ir-rispons ġenerali kien pożittiv ħafna, speċjalment f'termini tal-valur miżjud tan-netwerks għall-iskambju tal-infommazzjoni u l-ħolqien tal-għarfien. Peress li l-livell ta' attività f'diversi netwerks hu pjuttost baxx, l-EASO għandu l-għan li jikkunsidra jattiva mill-ġdid dawk li huma prijorità għall-Aġenzija.

L-EASO organizza żewġ laqgħat tan-Netzwerk Strateġiku tas-COI f'April u f'Ottubru 2016. L-input strateġiku mogħti mill-membri ta' dan in-netwerk jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-pjan ta' ħidma tal-EASI għas-COI. Il-membri jipprovdu riżorsi umani biex jappoġġjaw l-EASO biex jilħaq l-għanijiet tas-COI.

Ġew organizzati sitt laqgħat ta' kooperazzjoni Prattika dwar suġġetti speċifiċi u pajjiżi ta' orijini speċifiċi: sessjoni ta' ħidma dwar is-Sirja u l-Esklużjoni, seminar dwar in-Netzwerk tal-Iraq, seminar dwar l-Eritrea, laqgħa tas-COI u l-mutilazzjoni ġenitali femminili, u laqgħa ta' tnedija tan-Netzwerk tal-Afrika tal-Punent. Fl-2016 ġiet organizzata konferenza tas-COI dwar ir-riċerka online b'52 parteċipant. Ir-risultat hu ppjanat li jintuża biex tiġi aġġornata l-gwida Prattika tal-EASO "Għodod u suġġerimenti għar-riċerka tas-COI online". Dawn il-laqgħat ta' kooperazzjoni Prattika huma appoġġjati minn esperti esterni li huma mistiedna jikkondividu l-għarfien u l-ħila esperta tagħhom.

B'rispons għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prassi għal Deċiżjonijiet dwar l-Asil adottati fil-21 ta' April 2016, li sejħu għall-ħolqien ta' netwerk ta' politika superjuri u proġett pilota dwar il-konverġenza li jiffoka fuq l-Afganistan, f'Ġunju 2016 ġie stabbilit Network ta' Gwida



Rapporti dwar il-Pajjiż ta' Oriġini f'diversi lingwi

għall-Pajjiż tal-Afganistan. In-Netwerk iltaqa' għat-tieni darba f'Settembru. Sabiex jikkomplimentaw dawn il-laqqgħat, f'Settembru, f'Ottubru u f'Diċembru saru laqqgħat tat-tim tal-abbozzar tan-Noti ta' Gwida għall-Pajjiż tal-Afganistan.

Tnieda portal tas-COI online ristrutturatur, li jagħti aċċess pubbliku għas-COI tal-UE minn bażijiet ta' data tas-COI nazzjonali relatati. Għal-laqqgħat tas-COI ġew introdotti u użati paġni dwar il-laqqgħat tal-EASO. F'iterazzjonijiet futuri ser jitniedu paġni dwar il-pajjiżi. F'Marzu 2016 saret laqqgħa dwar in-netwerk tal-Amministratur tal-Portal tas-COI Nazzjonali.

Fl-2016 ġew irċevuti u twieġbu tmien mistoqsijiet dwar is-COI. Minbarra l-mistoqsijiet regolari, għall-esperti tal-EASO fil-hotspots Griegi tnediet sistema ta' mistoqsijiet dwar is-COI dwar it-Turkija, fil-kuntest tad-dikjarazzjoni UE-Turkija. F'din is-sistema ta' mistoqsijiet *ad hoc* tnedew erba' mistoqsijiet.

Beda xogħol preparatorju inizjali fuq it-trasferiment tal-proġett MedCOI (COI Mediki) lill-EASO. F'Janjar 2016 ġie ppreżentat studju tal-fattibilità segwit minn diskussjonijiet dwar l-għażliet tal-akkwist għat-trasferiment. L-EASO qed jagħti bidu għall-iżvilupp ta' pjan ta' trasferiment.

4.3.4 Kooperazzjoni mal-membri tal-qrati u tat-tribunali

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016
Saru disponibbli 2 għodod ta' żvilupp professjonali, 2 ngħataw bidu
Saru 5 avvenimenti ta' żvilupp professjonal, b'total ta' 81 parteċipant
Konferenza 1 għal imħallfin Griegi, b'120 parteċipant
Laqqgħa 1 tal-Korpi Ġudizzjarji Nazzjonali ta' Taħriġ, b'17-il parteċipant

Matul l-2016, l-EASO żamm il-kooperazzjoni tiegħu mal-qrati u t-tribunali tal-pajjiżi tal-UE+ bl-għanijiet ġenerali li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni koerenti tas-SEKA u li javvanza l-kooperazzjoni prattika fost il-pajjiżi tal-UE+ dwar l-asil. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni prattika tal-EASO twettqu skont il-qafas stabbilit u b'rispett sħiħ għall-indipendenza tal-qrati u tat-tribunali.

Għodod ta' żvilupp professjonali li saru disponibbli inkludew:

- “Esklużjoni: L-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika (2011/95/UE) - Analiżi Ġudizzjarja”: din hi intiża għall-qrati u t-tribunali li jkunu qed jitrattaw każijiet ta' protezzjoni internazzjonali biex tippromwovi l-fehim u tiggwida l-ġestjoni ta' kwistjonijiet ta' protezzjoni relatati mar-raġunijiet tal-esklużjoni li jinsabu fid-Direttiva;

- “Introduzzjoni għas-SEKA – Analiżi Ġudizzjarja”: din hi intiża għall-qrati u t-tribunali li jkunu qed jitrattaw każijiet ta' protezzjoni internazzjonali biex tippromwovi l-fehim u tiggwida l-ġestjoni ta' kunċetti u kwistjonijiet fundamentali li jinsabu fis-SEKA u li huma rilevanti għall-interpretazzjoni tagħha.

Għodod professjonali oħra li ngħataw bidu jinkludu:

- “Tmim tal-Protezzjoni Internazzjonali – Analiżi Ġudizzjarja” u “Tmim tal-Protezzjoni Internazzjonali – Nota ta' Gwida tat-Trainer Ġudizzjarju”: dawn qed jistennaw finalizzazzjoni wara konsultazzjoni man-Netwerk tal-Qrati u t-Tribunali u huma stabbiliti biex jitlestew kmieni fl-2017;
- “Kwalifika għall-Protezzjoni Internazzjonali – Analiżi Ġudizzjarja” u “Kwalifika għall-Protezzjoni Internazzjonali – Nota ta' Gwida tat-Trainer Ġudizzjarju”: din tlestiet u qed tistenna l-pubblikazzjoni;
- “Valutazzjoni tal-Evidenza u tal-Kredibilità – Analiżi Ġudizzjarja”: ir-raba' abbozz tlesta u ntbagħat għall-konsultazzjoni; hu ffissat għat-tlestija fi Frar 2017;
- “Aċċess għall-Proċeduri u n-Non-refoulement – Analiżi Ġudizzjarja”: dan hu abbozz preliminari u hu ffissat għat-tlestija f'Ottubru 2017;
- “Esklużjoni: L-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika (2011/95/UE) – Nota ta' Gwida tat-Trainer Ġudizzjarju”;
- “Introduzzjoni għas-SEKA – Nota ta' Gwida tat-Trainer Ġudizzjarju”.

Matul l-2016, l-EASO organizza ħames korsijiet ta' żvilupp professjonali:

- Sessjoni ta' ħidma għal Trainers Ġudizzjarji dwar l-implimentazzjoni tal-Analiżi Ġudizzjarji dwar l-Artikolu 15(c) li saret f'Marzu 2016; il-laqqgħa ġiet deskritta bħala li tħalli impatt fuq ir-rwol professjonali tal-parteċipanti bħala trainers ġudizzjarji u l-għarfien jista' jintuża biex jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom u jħarrġu lil kollegi fl-Istati Membri rispettivi tagħhom;
- Żjara ta' studju għall-membri tal-ġudikatura mill-Bulgarija li saret f'April 2016 li matulha l-parteċipanti kienu kapaċi jiksbu ħjiel tal-proċeduri implimentati fi Stat Membru ieħor. B'mod partikolari, kienu kapaċi japprofittaw minn skambju bejn il-pari u jtejbju l-esperjenza tagħhom fil-ġestjoni tal-każijiet, fil-kariga ta' mħallfin u fil-ġestjoni tas-smiġh;
- Sessjoni ta' ħidma għal imħallfin Ġermaniżi dwar is-COI li saret f'Mejju 2016 li ffukat fuq l-għoti ta' informazzjoni dwar is-sors ta' COI li hu utli għall-ħidma ta' kuljum tagħhom; il-parteċipanti kienu involuti b'mod attiv fit-tweqqif tar-riċerka tas-COI u fil-valutazzjoni tas-sors; ġiet organizzata bl-Ingliż biex tkompli ttejjeb il-firxa ta' sorsi li jistgħu jiġu aċċessati;
- Sessjoni ta' ħidma pilota għal Ħarrieġa Ġudizzjarji dwar l-implimentazzjoni tal-Analiżi Ġudizzjarja dwar l-esklużjoni li saret f'Mejju 2016; is-sessjoni

ta' ħidma ġiet deskritta bħala li tagħti analiżi sistematika u eżawrjenti ta' kull artikolu u kundizzjoni kif ukoll ġurisprudenza rilevanti; l-istudji tal-każijiet ippreżentaw xenarji ipotetiċi u l-parteċipanti kellhom l-oportunità li jiskambjaw l-opinjoni legali u l-esperjenzi ġudizzjarji tagħhom;

- Sessjoni ta' ħidma għal imħallfin Ċiprijotti li saret f' Lulju 2016 li fiha tqajmu kwistjonijiet prattiċi, relatati mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE; is-sessjoni ta' ħidma pprovdiet applikazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni taħt eżaminazzjoni mill-Qorti amministrattiva;
- Sessjoni ta' ħidma dwar l-Introduzzjoni għas-SEKA li saret f' Ottubru 2016; is-sessjoni ta' ħidma rċeviet l-oġġla valutazzjoni possibbli.

F'Ottubru 2016 ġiet organizzata konferenza għall-imħallfin amministrattivi Griegi li għaliha attendew 120 parteċipant, wara talba mill-membri tal-bord tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Amministrattivi Griegi (AGAJ). Kienet maħsuba bħala eżerċizzju għall-bini tal-kapaċità għall-imħallfin Griegi, kif ukoll li jkollha effett sinifikanti ta' senjalazzjoni fuq il-kapaċitajiet u r-rieda tal-EASO biex jipprovdni appoġġ lil din il-parti kkonċernata fi ħdan il-kuntest ġenerali tal-pressjoni fuq is-sistema Griega tal-asil. L-aġenda tal-konferenza kien fiha taħlita ta' diskorsi u preżentazzjonijiet ma' gruppi ta' ħidma iżgħar, li fihom ġew diskussi każijiet u metodoloġiji.

Il-laqgħa tal-Korpi Ġudizzjarji Nazzjonali ta' Taħriġ (NJTB) saret f'Ottubru 2016 bl-għan li n-NJTB jinftiehm u aħjar fl-Istati Membri u li jiġu esplorati l-ħtiġijiet u l-kooperazzjoni possibbli fil-futur. Kienet ukoll laqgħa biex tingħata informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-EASO iżda kienet maħsuba wkoll biex tagħti oportunità għal djalogu bejn NJTB attivi fil-qasam tal-liġi tal-asil fl-Istati Membri u anki biex taġixxi bħala forum għal diskussjoni tal-possibiltajiet għal kollaborazzjoni futura bejn l-EASO u n-NJTB.

4.3.5 Attivitajiet tal-EASO fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016
Għodda ta' kooperazzjoni prattika 1 ppubblikata, 1 żviluppata, 1 qed tiġi żviluppata
It-3 konferenza annwali tal-EASO dwar it-traffikar tal-bnedmin
Ir-4 konferenza annwali dwar l-attivitajiet tal-EASO dwar it-tfal
3 laqgħat tal-grupp ta' ħidma dwar suġġetti relatati ma' gruppi vulnerabbli

L-EASO kompli jipprovdni sostenn u jiżviluppa kooperazzjoni prattika fost il-pajjiżi tal-UE+ u esperti rilevanti oħrajn dwar kwistjonijiet relatati ma' applikanti vulnerabbli.

Fl-2016 ġiet ippubblikata għodda ta' kooperazzjoni prattika dwar "Gwida Prattika dwar it-Traċċar tal-Familja". Ġiet żviluppata t-tieni għodda, "Valutazzjoni tal-Aqwa Interessi fil-kuntest tar-rilokazzjoni" filwaqt li għaddej aġġornament tal-għodda dwar il-"Valutazzjoni tal-Età u l-Aqwa Interessi tal-Wild".

F'Ġunju 2016 saret it-tielet Konferenza Annwali tal-EASO dwar it-traffikar ta' bnedmin u l-protezzjoni internazzjonali. Il-parteċipanti ltaqgħu biex jiddiskutu l-identifikazzjoni u l-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar fil-kriżi migratorja attwali.



Sessjonijiet ta' ħidma matul ir-Raba' Konferenza Annwali dwar l-attivitajiet tal-EASO dwar it-tfal, 5-6 ta' Diċembru 2016

F'Diċembru 2016 saret ir-raba' Konferenza Annwali dwar l-attivitajiet tal-EASO dwar it-tfal. It-tema kienet is-sitwazzjoni tat-tfal fil-kuntest attwali ta' influż kbir.

Ġew organizzati laqgħat tal-grupp ta' ħidma dwar suġġetti relatati ma' gruppi vulnerabbli. Il-laqgħa dwar "Valutazzjoni tal-età: metodi u approċċi ġodda" saret f'Settembru 2016. Il-grupp ta' ħidma ddiskuta l-metodi differenti tal-valutazzjoni tal-età, inkluża l-valutazzjoni soċjali, li ser jiġu inklużi fil-verżjoni aġġornata tal-pubblikazzjoni tal-Valutazzjoni tal-Età tal-EASO. F'Settembru saret ukoll it-tieni laqgħa dwar l-implimentazzjoni tal-aqwa interessi tal-wild fil-proċess tal-valutazzjoni tal-età. Il-grupp iddiskuta s-salvagwardji u l-kunsiderazzjonijiet ewlenin biex jiġu żgurati l-aqwa interessi tal-wild fil-proċeduri tal-valutazzjoni tal-età. It-tielet laqgħa kienet dwar l-"Identifikazzjoni u garanziji proċedurali speċjali għal persuni soġġetti għal tortura jew forum serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali". Saret f'Ottubru 2016 u pprovdiet forum għall-Istati Membri biex jiskambjaw l-ideat u l-aqwa prattiki dwar garanziji proċedurali speċjali.

L-EASO pparteċipa fil-laqgħat tal-Punti ta' Kuntatt tal-Ġustizzja u Affarjiet Interni (ĠAI) dwar it-traffikar tal-bnedmin li ġew organizzati f'Marzu, Ġunju, Settembru u Novembru mill-Uffiċċju tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar.

4.3.6 In-netwerk ta' Dublin

L-Istati Membri tal-UE huma responsabbli biex japplikaw is-Sistema ta' Dublin u, b'mod partikolari, biex jallokaw riżorsi adegwati sabiex jiżied in-numru ta' trasferimenti ta' Dublin u jitnaqqas dewmien relatat mat-trasferimenti. Jeħtieġ ukoll li l-Istati Membri japplikaw b'mod konsistenti l-klawżoli legali relatati mar-riunifikazzjoni tal-familja u jagħmlu użu usa' u aktar regolari mill-klawżoli diskrezzjonali, li jippermettu lill-Istati Membri jiddeċiedu li jeżaminaw applikazzjoni għall-asil u għaldaqstant itaffu l-persjoni fuq l-Istati Membri mal-fruntieri esterni.

Sabiex jappoġġja lill-Istati Membri fl-applikazzjoni sħiħa tas-Sistema ta' Dublin, ġie stabbilit in-Netwerk tal-Unitajiet ta' Dublin tal-EASO f'konferenza mal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. Qed jipparteċipaw tletin pajjiż tal-UE+ fin-netwerk u kull wieħed stabbilixxa Punt ta' Kuntatt Nazzjonali ta' Dublin.

Fil-laqgħa ta' tnedija tal-Grupp ta' Tmexxija li saret fi Frar 2016, ġew adottati t-termini ta' referenza u mudell għall-aġġornament perijodu tan-Netwerk. Fl-2016 inħarġu erba' aġġornamenti perijodi li fihom data statistika u informazzjoni kwantitattiva ibbażati fuq input li rċevew il-membri tan-Netwerk u l-Kummissjoni Ewropea.

F'Novembru 2016 ġiet organizzata t-tieni laqgħa tal-Grupp ta' Tmexxija. Matul din il-laqgħa, ġew maqbuli oqsma ta' xogħol u prijoritajiet għall-2017. Dawn ser jinkludu l-organizzazzjoni ta' laqgħa waħda tal-Grupp ta' Tmexxija, laqgħa tematika dwar DubliNet (?) u l-iżvilupp ta' għodda jew gwida. Matul il-laqgħat ġew skambjati l-aqwa prattiki dwar suġġetti relatati ma' Dublin.

F'Novembru 2016 tnediet pjattaforma online ta' Dublin aċċessibbli għan-Netwerk fejn ipparteċipaw 25 Stat Membru. Permezz tal-pjattaforma ttellgħu u ġew skambjati total ta' 32 dokument.

4.3.7 Akkoljenza

L-EASO qed ikompli jiżviluppa l-kapaċità interna tiegħu sabiex jappoġġja lill-pajjiżi tal-UE+ b'attivitajiet immirati għall-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati.

F'Marzu 2016, ġie stabbilit in-Netwerk tal-Awtoritajiet ta' Akkoljenza tal-EASO f'konformità mal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. It-tnedija seħħet matul il-Laqgħa tal-Matriċi ta' Kwalità tal-EASO dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza. Fit-tieni kwart tal-2016 ġew adottati t-termini ta' referenza l-ġodda tan-Netwerk.

F'Ottubru 2016 ġiet organizzata laqgħa tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali ta' Akkoljenza. Id-diskussjonijiet li saru matul il-laqgħa ser jiffurmaw il-bażi għat-tfassil tal-pjan ta' ħidma tal-2017-2018 tan-Netwerk tal-Awtoritajiet ta' Akkoljenza tal-EASO. Barra minn hekk, ser jitqiesu d-diskussjonijiet li jsiru matul sessjoni ta' ħidma dwar l-ippjanar ta' kontinġenza biex tiġi żviluppata gwida dwar l-ippjanar ta' kontinġenza fl-2017.

Fi Brussell f'Novembru 2016 saret sessjoni ta' ħidma dwar "Ir-rwol tal-awtoritajiet ta' akkoljenza fit-tranżizzjoni mill-akkoljenza lejn l-integrazzjoni" organizzata f'koordinazzjoni mal-Pjattaforma Ewropea ta' Aġenziji ta' Akkoljenza (EPRA). L-informazzjoni li nġabret fis-sessjoni ta' ħidma ser tikkontribwixxi f'rapport li ser jirrifletti l-politiki, il-prattiki u l-isfidi fis-seħħ fir-rigward tat-tranżizzjoni mill-akkoljenza għall-integrazzjoni fil-pajjiżi tal-UE+. Barra minn hekk, l-esperjenza mill-laqgħa ser tgħin tiddefinixxi r-rwol futur tal-EASO fil-qasam tal-integrazzjoni.

F'Ottubru 2016 ġie konkluż Memorandum ta' Qbil (MtQ) bejn l-EASO u l-EPRA. Pjan Direzzjonali tal-Attivitajiet ta' appoġġ jiddefinixxi perijodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn li matulu l-attivitajiet ser jiġu implimentati b'mod konġunt. Skont l-MtQ, fl-aħħar tal-2017 ser issir valutazzjoni konġunta tal-EASO-EPRA biex jiġu vvalutati l-progress li nkiseb matul il-perijodu ta' tranżizzjoni. Hu mistenni li sal-aħħar tal-2018, l-attivitajiet kollha ser jingħaddu mill-EPRA għan-Netwerk ta' Akkoljenza tal-EASO.

4.3.8 Ir-Ritorn u l-integrazzjoni

L-EASO qed jiżviluppa u jappoġġja l-konnessjoni bejn il-proċedura tal-asil u tal-akkoljenza u l-proċeduri li jsegwu d-deċizzjoni dwar applikazzjoni tal-asil, jiġifieri r-ritorn jew l-integrazzjoni.

Ir-ritorn u l-integrazzjoni jiffurmaw parti integrali mill-politiki ta' asil u migrazzjoni li jiffunzjonaw sewwa. L-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri aktar kmieni fil-proċess tal-asil u tal-akkoljenza tista' ttejjeb l-effettività tagħhom.

Fl-2016, l-EASO attenda tmien laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar ir-Ritorn tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN REG), il-Frontex, in-Netwerk Ewropew dwar Strument ta' Riintegrazzjoni (ERIN) u l-Inizjattiva ta' Appoġġ Komuni.

L-EASO hu impenjat f'xogħol kontinwu mad-DĠ Home, EMN REG, Frontex u Eurostat dwar l-armonizzazzjoni u t-titjib tal-kwalità u l-kompletezza tad-data ta' ritorn fil-livell tal-UE.

(?) Netwerk elettroniku sigur ta' kanali ta' trażmissjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali li qed jittrattaw l-applikazzjonijiet għall-asil.

4.3.9 Għodod oħra għal appoġġ permanenti - lista ta' lingwi disponibbli tal-EASO

L-EASO jappoġġja lill-pajjiżi individwali tal-UE+ sabiex jiksbru aċċess faċli għal-lingwi disponibbli kollha fil-pajjiżi l-oħra tal-UE+ permezz tal-lista ta' lingwi disponibbli (LAL).

Matul l-2016, il-LAL ġiet miżmuma u mmonitorjata. Waslu erba' talbiet speċifiċi mis-Slovakkja u mill-Bulgarija fir-rigward tal-lingwi tal-Kirundi, tal-Mongoljan, tat-Tamil u tas-Singaliż, li ġew indirizzati.

Barra minn hekk, il-persunal tal-EASO wettaq żjara ta' studju fin-Netherlands fir-rigward ta' attivitajiet relatati mal-LAL.

4.3.10 Appoġġ lil pajjiżi terzi

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016
<p>Il-Balkani tal-Punent u t-Turkija:</p> <p>3 attivitajiet reġjonali implimentati skont il-Programm IPA reġjonali</p> <p>2 attivitajiet nazzjonali implimentati fis-Serbja u fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja skont il-Programm IPA reġjonali</p> <p>Tlestew 7 attivitajiet tal-bini tal-kapaċità ta' Dimensjoni Esterna</p>
<p>Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija:</p> <p>3 attivitajiet implimentati</p> <p>3 attivitajiet identifikati u fi tnejn li għandhom jiġu segwiti fl-2017</p>
<p>Netwerk tad-Dimensjoni Esterna:</p> <p>Ġew organizzati 3 laqgħat u sessjonijiet ta' ħidma</p>

L-EASO jappoġġja d-dimensjoni esterna tas-SEKA bi qbil mal-Kummissjoni Ewropea, fi ħdan il-qafas tal-politika tar-relazzjonijiet esterni tal-UE u f'konformità mal-Istrateġija tal-Azzjoni Esterna tal-EASO ⁽⁸⁾.

Matul l-2016, l-EASO pprova appoġġ lir-reġjun tal-Balkani tal-Punent (WB) u lit-Turkija fi ħdan il-qafas tal-Programm IPA II: Appoġġ Reġjonali għall-ġestjoni tal-migrazzjoni sensittiva għall-protezzjoni fil-Balkani tal-Punent u t-Turkija (il-Programm IPA Reġjonali). Il-laqgħa ta' tnedija saret f'Belgrad mid-9 sal-10 ta' Marzu 2016. Fil-5 ta' Awwissu 2016 ġie ffirmat Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn Frontex u l-EASO. Barra minn hekk, fil-perjodu bejn April u Lulju 2016 saru żjarat fuq il-post lill-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent biex jippreparaw għall-implimentazzjoni tal-Programm IPA Reġjonali, li hu għaddej għal tliet snin mill-2016 sal-2018. Ġew

implimentati tliet attivitajiet reġjonali u nġhata bidu għal żewġ attivitajiet nazzjonali biex jiġu appoġġjati l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u s-Serbja. Dawn ġew ikkomplementati minn attivitajiet ta' Dimensjoni Esterna usa' deskritti hawn taft.

L-attivitajiet maħsuba biex jikkomplementaw il-bini tal-kapaċità fil-Balkani tal-Punent inkludew:

- Seminar tas-COI fis-Serbja f'kooperazzjoni mal-Proġett ta' Ġemellaġġ immexxi mill-Aġenzija Żvediża tal-Migrazzjoni fis-Serbja;
- Il-parteċipazzjoni tal-Balkani tal-Punent f'żewġ sessjonijiet ta' taħriġ taħt il-Kurrikulu ta' Taħriġ tal-EASO f'Malta;
- Il-parteċipazzjoni tal-Balkani tal-Punent f'taħriġ reġjonali dwar il-moduli tal-"Inklużjoni" u l-"Esklużjoni" tal-EASO li saru fi Vjenna f'Mejju u Ġunju 2016;
- Valutazzjoni tal-impatt tal-liġi dwar l-asil li saret fis-Serbja;
- Valutazzjoni tal-ħtiġijiet għas-Settur għall-Asil tal-Ministru għall-Intern tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;
- Il-parteċipazzjoni ta' mħallfin tal-Balkani tal-Punent fil-konferenza tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Liġi dwar ir-Refuġjati (IARLJ), il-Kapitolu Ewropew f'Oslo f'Mejju 2016;

Bħala segwitu għal-laqgħa tal-25 ta' Ottubru 2015 dwar ir-Rotta Migratorja tal-Balkani tal-Punent u l-istqarrija tal-mexxejja dwar il-flussi tar-refuġjati, l-EASO hu parti min-netwerk dwar ir-Rotta tal-Pajjiżi Balkani u pparteċipa f'vidjowkonferenzi regolari f'dan ir-rigward.

L-EASO kien qed jiddiskuti wkoll mad-DG HOME u d-DG NEAR dwar l-implimentazzjoni ta' proġett fil-qafas tal-Programmi Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni - l-Afrika ta' Fuq (RDPP NA), inkluż l-impenn usa' tal-EASO f'dan ir-reġjun. L-EASO hu parti mill-Kumitat ta' Tmexxija tal-RDPP NA u attenda l-laqgħa fl-2016.

Il-proġett tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) li jappoġġja l-awtoritajiet nazzjonali fit-Tuneżija, fil-Marokk u fil-Ġordan ġie konkluż fit-30 ta' Ġunju 2016, b'perjodu ta' għeluq li spiċċa fit-30 ta' Awwissu. B'kollox, ġie kkunsmat 93 % tal-ammont tal-ġhotja. L-attivitajiet identifikati bħala segwitu għall-proġett tal-ENPI ser jiġu implimentati fl-2017, wara ftehim mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u l-kapaċità tal-EASO li jirrispondi għat-talbiet tal-pajjiżi. L-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità jistgħu jinkludu seminar għall-imħallfin amministrattivi fit-Tuneżija, seminar għall-Ġordan dwar l-akkoljenza (inklużi l-elementi ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol nazzjonali) u taħriġ dwar is-SEKA fil-Marokk.

Bħala segwitu għall-pjan ta' azzjoni konġunta tas-Summit tal-Belt Valletta ta' Novembru 2015, l-EASO jimplementa attivitajiet ta' dimensjoni esterna, inklużi t-taħriġ u l-bini

⁽⁸⁾ <https://easo.europa.eu/wp-content/uploads/EASO-External-Action-Strategy.pdf>

tal-kapaċità, fejn jiġu identifikati pajjiżi terzi tal-viċinat fil-mira f'konformità mal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà u fi ftehim mal-Kummissjoni Ewropea. F'dan il-kuntest u fi hndan il-qafas tal-proġett tal-ENPI, fl-2016 l-EASO għamel taħriġ reġjonali tas-SEKA fit-Tuneżija li inkluda parteċipanti Lebaniżi u Eġizzjani flimkien ma' dawk mill-pajjiżi sħab tal-ENPI. Bħala segwitu għall-pjan ta' azzjoni konġunta tas-Summit tal-Belt Valletta, id-Dellegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi terzi esprimew l-interess tagħhom biex jikkooperaw mal-EASO.

Fir-rigward tal-Komunikazzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2016 dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' Pajjiżi Terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, l-EASO ntablab iżid l-appoġġ tiegħu tal-approċċ tal-UE skont 'l hekk imsejja "Patti" mal-pajjiżi terzi ewlenin. L-EASO involva ruħu mal-Kummissjoni biex jiddefinixxi l-attivitajiet li għandhom jiġu żviluppati.

L-EASO organizza tliet sessjonijiet ta' ħidma ta' kooperazzjoni prattika man-Netzwerk tad-Dimensjoni Esterna tal-pajjiżi tal-UE+ bl-għan li jkomplu jiġu żviluppati attivitajiet ta' dimensjoni esterna tal-EASO għal appoġġ lil pajjiżi terzi. L-ewwel laqgħa tan-Netzwerk tad-Dimensjoni Esterna saret f'Mejju 2016 u f'Mejju u f'Diċembru 2016 saru żewġ sessjonijiet ta' ħidma tal-Filiet Operattivi tad-Dimensjoni Esterna.

4.3.11 Ir-risistemazzjoni

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016
Abbozz 1 tal-proċeduri operattivi standard żviluppati għal Skema Volontarja ta' Ammissjoni Umanitarja mat-Turkija
1 attività ta' appoġġ implimentata
8 rapporti analitiċi maħruġa

L-EASO jeżerċita rwol ta' koordinazzjoni fl-iskambju ta' informazzjoni u azzjonijiet oħra dwar ir-risistemazzjoni meħuda mill-pajjiżi tal-UE+ f'kooperazzjoni mal-UNHCR u l-IOM.

Fl-2016, l-EASO ġie inkarigat jipparteċipa fix-xogħol tat-tim tar-risistemazzjoni tal-UE f'Ankara, stabbilit mis-servizzi tal-Kummissjoni wara d-Dikjarazzjoni UE-Turkija, bl-għan li tiġi ffaċilitata r-risistemazzjoni mit-Turkija. Fil-bidu, l-EASO pparteċipa bl-involvement tal-persunal tiegħu u sussegwentement impjega espert speċifikament għal din l-attività bl-għan li jappoġġja lit-tim tar-risistemazzjoni tal-UE f'Ankara fuq bażi aktar permanenti.

L-EASO stabbilixxa u żviluppa għbir regolari ta' data dwar ir-risistemazzjoni. Minn Mejju 2016 ġew maħruġa tmien rapporti analitiċi fuq il-bażi tal-għbir fix-xahar ta' data dwar ir-risistemazzjoni ⁽⁹⁾. Dawn ir-rapporti

ġew kondiviżi mal-pajjiżi tal-UE+, mal-Kummissjoni u mal-UNHCR. Minn Settembru, l-EASO rveda l-għbir tad-data tiegħu dwar ir-risistemazzjoni li inkludiet qafas ġdid ta' risistemazzjoni u analiżi ta' mekkaniżmu 1:1.

Matul l-2016, l-EASO involva ruħu f'laqgħat ta' kooperazzjoni prattika dwar ir-risistemazzjoni. Fi Frar, l-EASO pparteċipa fil-laqgħa tal-grupp ta' ħidma tal-Konsultazzjonijiet Annwali Tripartitiċi dwar ir-Risistemazzjoni (ATCR) u attenda l-laqgħa ġenerali tal-ATCR li saret f'Ġunju. F'Ottubru, l-Iżvezja organizzat laqgħa ta' tnedija tal-proġett EU-FRANK dwar ir-risistemazzjoni; il-persunal tal-EASO pparteċipa fil-bord. F'Diċembru, l-EASO attenda l-laqgħa dwar il-Grupp Ristrett Sirjan.

Fl-2016, l-EASO implimenta attività ta' appoġġ mal-Bulgarija fil-qafas tal-EASO SSP. Il-Bulgarija pparteċipat fil-laqgħa tal-grupp ta' ħidma tal-ATCR u fi żjara ta' studju għan-Netherlands. Fl-2017 ser jiġi kkunsidrat aktar appoġġ lill-Bulgarija fil-qasam tar-risistemazzjoni.

4.4 L-attivitajiet orizzontali tal-EASO

4.4.1 In-netwerk ta' kooperazzjoni tal-EASO

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016

17-il mistoqsija tal-EASO rċevuti, 16-il rapport inħarġu

2 laqgħat tal-Kumitat ta' Kuntatt

2 prodotti b'kamp ta' applikazzjoni orizzontali żviluppati jew aġġornati

L-EASO jopera sistema ta' mistoqsijiet biex jindirizza mistoqsijiet relatati mal-politiki u l-prattiki għall-implimentazzjoni tas-SEKA. Iż-żmien medju tal-ipproċessar għall-mistoqsijiet fl-2016 kien ta' 20 ġurnata mid-data ta' rċevuta. Ir-rata ta' rispons mill-Istati Membri kienet tvarja minn 8 għal 23 risponent, skont is-suġġett tal-mistoqsija.

Il-laqgħat tal-Kumitat ta' Kuntatt huma organizzati b'mod konġunt mal-Kummissjoni. Laqgħa waħda bħal din fuq Dublin ġiet organizzata eżatt wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Tmexxija tan-Netzwerk ta' Dublin tal-EASO (kif irrappurtat fit-taqsim 4.3.6). Fl-ewwel kwart tal-2016, l-EASO pparteċipa wkoll f'laqgħa speċjali tal-Kumitat ta' Kuntatt dwar it-tfal li ġiet organizzata mid-DG Home.

L-EASO kollabora mal-partijiet ikkonċernati tiegħu fl-iżvilupp ta' prodotti b'kamp ta' applikazzjoni orizzontali. It-tabella ta' punteġġ tan-Netzwerk tal-ĠAI ġiet żviluppata taħt il-presidenza tal-FRA b'input mill-aġenziji kollha tal-ĠAI inkluż l-EASO. Hi fiha ħarsa ġenerali tal-oqsma ta' kooperazzjoni bilaterali u multilaterali bejn dawn l-aġenziji. It-tieni prodott hu l-għodod prattiki

⁽⁹⁾ L-ewwel rapport analitiku jkopri data minn Jannar u Frar 2016.

għall-Aċċess għall-proċedura tal-asil li nħolqot minn esperti mill-Istati Membri, iffaċilitata mill-EASO u Frontex u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-FRA u l-UNHCR.

4.4.2 Komunikazzjoni u relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016
Tnieda sit web ġdid tal-EASO, żieda għal 638,094 viżitatur
Tkabbir ta' 352 % fis-segwaċi ta' Twitter, 188 post
Tkabbir ta' 142 % fis-segwaċi tal-paġna ta' Facebook tal-EASO, 204 post
3,727 segwaċi fuq il-paġna ta' rilokazzjoni ta' Facebook tal-EASO, 51 post
10 edizzjonijiet tal-bullettin tal-EASO
32 stqarrija għall-istampa maħruġa
Aktar minn 300 intervista tal-istampa
1200 talba għal informazzjoni u tweġibiet
42 pubblikazzjoni tal-EASO

L-EASO jikkomunika u jippromwovi r-rwol, il-valuri, l-attivitajiet u l-ħidma tal-Aġenzija f'konformità mal-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-EASO. Il-fokus jinsab fuq il-kompitu tal-aġenzija li tiffaċilita, tikkoordina u ssaħħaħ il-kooperazzjoni Prattika fost il-pajjiżi tal-UE+ dwar id-diversi aspetti tal-asil.

Matul l-2016, l-EASO kompli jżomm relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati tiegħu, primarjament f'laqgħat li jipprovdu opportunitajiet għal djalogu, filwaqt li pprova informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-EASO u jirċievi rispons.

Saru laqgħat mal-UNHCR fuq bażi ta' darbtejn fil-ġimgħa fuq il-post u b'mod regolari fil-Kwartieri Ġenerali tal-EASO f'Malta. Dawn il-laqgħat kellhom suċċess fid-diskussjoni ta' kooperazzjoni eżistenti u fl-espansjoni ta' oqsma ġodda ta' kooperazzjoni. Fil-Konsultazzjoni tal-Maniġment Superjuri ġew rieżaminati punti ta' azzjoni maqbula u ġew diskussi u mqassra l-passi li jmiss.

Ġie ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni mal-UNHCR għall-Proġett tal-Inizjattiva tal-Kwalità tas-Sistemi tal-Asil fl-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkasu tan-Nofsinhar (QIEE), proġett fuq sentejn iffinanzjat mill-UE implimentat mill-UNHCR u li jiffoka fuq it-titjib tal-proċeduri tal-asil u fuq il-protezzjoni tar-refuġjati fl-Armenja, fl-Ażerbajġan, fil-Belarus, fil-Georgia, fil-Moldova u fl-Ukrajna. L-EASO qabel ukoll dwar it-trasferiment tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-midja soċjali tal-UNHCR għall-EASO.

L-EASO pparteċipa fl-erba' laqgħat tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-ĠAI. Fil-livell usa' tal-UE, l-EASO pparteċipa fil-laqgħat tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-UE u fil-Forum tal-Aġenziji tal-UE fil-Parlament Ewropew. Kuntatti ma' aġenziji oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-aġenziji tal-ĠAI, wasslu għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet ta' ħidma tajbin, għal kooperazzjoni aktar mill-qrib, u għal sinerġiji akbar bejn l-aġenziji. Huma wkoll kienu utli biex jiġu skambjati l-informazzjoni u l-aqwa Prattiki u biex jiġu identifikati oqsma għall-kooperazzjoni futura.

L-EASO involva ruħu f'laqgħat mal-komunitajiet diplomatiki tal-UE. Saru diversi laqgħat bilaterali u lunch briefings, inkluż ma' rappreżentanti tar-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Spanja, il-Polonja u n-Netherlands. Saru wkoll laqgħat fl-ikla ta' nofsinhar mal-Ambaxxaturi u mar-Rappreżentanti Permanenti tal-Istati Membri.

Fid-19 ta' Mejju 2016 l-EASO nieda s-sit web il-ġdid tiegħu. Dan fih karatteristiċi li jtejbu kemm ikun faċli biex jintuża mill-utent bħal *hot keys*, *live wall* u dehra aktar attraenti. Il-promozzjoni tas-sit web il-ġdid fuq il-midja soċjali u fuq il-pubblikazzjonijiet tal-EASO żiedet in-numru ta' viżitaturi b'50 %. Ġiet irreġistrata wkoll żieda sinifikanti fil-livell ta' esponiment tal-EASO fuq il-midja soċjali, inklużi Twitter u Facebook.

F'mossa biex tiżdied it-trasparenza, f'Settembru 2016 il-Bord tat-Tmexxija tal-EASO ddeċieda li l-ismijiet tal-Membri u tar-Rappreżentanti tal-Bord, id-Dikjarazzjonijiet tal-Interessi tagħhom u d-dokument ta' politika tal-EASO dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitt ta' interessi kellhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EASO. Karatteristika ġdida għas-sit web hi l-iżvilupp ta' reġistru tad-dokumenti li jkun integrat fis-sit web



Ġurnata ta' Informazzjoni fil-Latvja

tal-EASO. Ir-reġistru tad-dokumenti bħalissa qiegħed fi stadju pilota u qed jiġi aġġornat fuq is-sistema tal-ġestjoni tal-kontenut b'dokumenti u *metatags*. Hu mistenni li r-reġistru jitnieda fil-bidu tal-2017. Sadanittant, aktar minn 40 artikolu magħżul ittelligħu fuq is-sit web tal-EASO.

L-EASO żied il-viżibbiltà tiegħu u tejjeb il-profil pubbliku tiegħu billi pparteċipa f'jiem għall-pubbliku u fi ġranet ta' informazzjoni fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri. L-EASO għamel ukoll wirja tar-ritratti fil-Parlament Ewropew. Fl-20 ta' Ġunju 2016 saret ġurnata ta' informazzjoni li fakkret l-ewwel ħames snin tal-EASO bħala Aġenzija tal-UE. L-avveniment kien opportunità strateġika biex jiġu promossi l-attivitajiet tal-EASO fil-programm ta' rilokazzjoni tal-UE. L-Istati Membri ngħataw materjal rilevanti relatat mal-ħidma tal-EASO u mar-rilokazzjoni. Min-naħa l-oħra, 22 Stat Membru organizzaw desks ta' taġħrif taġħhom stess fil-ġurnata ta' informazzjoni u l-persunal tal-EASO għamel preżentazzjonijiet dwar suġġetti relatati.

Matul l-2016, ir-rilokazzjoni kienet fil-mira tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-EASO. Ġew prodotti pakkett ta' komunikazzjoni dwar ir-rilokazzjoni u serje ta' għodod ta' informazzjoni. Dawn inkludew fuljett ġenerali fi 17-il lingwa tal-UE u mhux tal-UE, fuljetti dwar ir-rilokazzjoni mfassla apposta għall-Italja u għall-Greċja ppubblikati bit-Taljan u bil-Grieg rispettivament kif ukoll bl-Ingliż u erba' lingwi mhux tal-UE, posters bl-Ingliż u b'lingwi mhux tal-UE, merkanzija dwar ir-rilokazzjoni għall-hotspots, tliet vidjows li juru stejjer ta' suċċess tar-rilokazzjoni, u applikazzjoni mobbli. Barra minn hekk, l-EASO pproduċa paġna web dedikata dwar ir-rilokazzjoni bl-Għarbi (24 % taż-żjarat), link ta' menu tal-paġna web għal mappa interattiva dwar ir-rilokazzjoni li timmarka l-ewwel anniversarju (1,650 żjara fid-data ta' tnedija), u paġna fuq Facebook dwar ir-rilokazzjoni (3,621 *like*).

F'Ġunju u f'Lulju 2016, l-EASO pparteċipa fil-kampanja ta' prereġistrazzjoni mal-UNHCR fil-Greċja u pproduċa serje ta' għodod ta' informazzjoni għall-avveniment.

Il-preżenza tal-EASO fl-Istampa żdiedet b'mod sinifikanti matul l-2016 fid-dawl tal-profil oġġla tal-Aġenzija fil-hotspots. Fit-8 ta' Lulju 2016 l-EASO organizza laqgħa ta' informazzjoni fi Brussell għall-ġurnalisti li jaħdmu fil-qasam tal-asil. Attendew dsatax-il ġurnalista rreġistrati u 92 parteċipant individwali. Saret it-tieni laqgħa ta' informazzjoni u ta' netwerking għall-multiplikaturi tal-komunikazzjoni tal-EASO. Attendew għoxrin parteċipant u l-output qed jintuża biex jittejjbu l-prodotti ta' komunikazzjoni.

4.4.3 Forum Konsultattiv

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2016

4 konsultazzjonijiet dwar id-dokumenti tal-EASO mal-organizzazzjonijiet kollha tas-soċjetà ċivili rreġistrati (OSĊ), 30 kontribut rċevuti


25 mistoqsija mill-OSĊ indirizzati

201 parteċipant fis-6. plenarja tal-Forum Konsultattiv f'Ateni

43 parteċipant f'żewġ laqgħat tematiki dwar ir-rilokazzjoni/il-hotspots li saru fi Sqallija

59 parteċipant f'laqgħa tematika dwar ir-rilokazzjoni/il-hotspots li saret f'Liżbona

Il-Forum Konsultattiv hu stabbilit skont l-Artikolu 51 tar-Regolament dwar l-EASO bħala mekkaniżmu għall-iskambjar ta' informazzjoni u għall-ġbir tal-għarfien ma' OSĊ rilevanti u korpi kompetenti li joperaw fil-qasam tal-politika tal-asil. L-EASO kompli jinvolvi ruħu fi djalogu bidirezzjonali ma' OSĊ rilevanti biex jikkondividi l-għarfien



Grafika b'informazzjoni tal-Forum Konsultattiv

espert u l-esperjenzi, jikkonsulta dwar dokumenti rilevanti tal-EASO, u biex itejjeb is-sinerġiji permezz ta' attivitajiet ikkoordinati mas-soċjetà ċivili.

Fl-2016, ir-relazzjoni tal-EASO mas-soċjetà ċivili saret aktar b'saħħitha u l-bażi tas-sħubija tal-Forum Konsultattiv laħqet 88 organizzazzjoni. Is-sitt laqgħa plenarja annwali tal-Forum saret f'Ateni fit-28 u fid-29 ta' Novembru 2016. Parteċipanti minn 35 pajjiż tal-UE+ u mhux tal-UE attendew u esprimew livell għoli ta' sodisfazzjon.

Il-laqgħa annwali ffukat fuq l-iżviluppi l-aktar sinifikanti li jaffettwaw il-kuntest tal-asil Ewropew fl-2016, bħall-istabbiliment tal-programm tar-rilokazzjoni Ewropew, l-approċċ hotspot u l-proposti leġiżlattivi differenti li kienu qed jiġu diskussi. Il-laqgħa inkludiet proċess parteċipattiv sħiħ b'diskussjonijiet li ffukaw fuq tliet oqsma tematiċi: "L-ispakkjar tar-rilokazzjoni u l-approċċ hotspot", "Informazzjoni, analiżi u komunikazzjoni fi ħdan kuntest polifoniku", u "L-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli fil-kuntest ta' influż għoli - identifikazzjoni, konsultazzjoni, akkoljenza u integrazzjoni". Qed jiġi ppreparat rapport dwar il-proċedimenti u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu.

Minbarra l-laqgħa plenarja tal-Forum Konsultattiv, ġew organizzati laqgħat tematiċi dwar ir-rilokazzjoni u dwar il-hotspots fi Sqallija, l-Italja, f'Marzu 2016 kif ukoll f'Liżbona, il-Portugall, f'Settembru 2016. Il-parteċipanti laqgħu l-organizzazzjoni ta' dawn il-laqgħat u esprimew livell għoli ta' sodisfazzjon.

L-EASO kkonsulta u involva l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili f'diversi oqsma tal-ħidma tiegħu. Permezz tat-tnedija ta' erba' konsultazzjonijiet miftuħa, hu laqa' kummenti mis-soċjetà ċivili dwar l-abbozz tal-Programm ta' Ħidma 2017, ir-Rapport Annwali 2015 dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-Unjoni, Gwida dwar l-Akkoljenza, kif ukoll l-Analiżi Ġudizzjarja dwar il-Kwalifika għall-Protezzjoni Internazzjonali. B'kolloxx ġew irċevuti 30 kontribut.

Ġew organizzati numru ta' konsultazzjonijiet immirati, laqgħat ta' esperti u sessjonijiet ta' ħidma ta' kooperazzjoni prattika mal-OSĊ. Dawn inkludew:

- Attendenza regolari ta' OSĊ f'laqgħat tematiċi tal-EASO (eż. COI, traffikar ta' bnedmin);

- Il-parteċipazzjoni ta' tmien membri tal-Forum Konsultattiv fil-Konferenza tal-EASO dwar Riċerka dwar il-Migrazzjoni relatata mal-Asil Globali u tal-UE;
- Vidjowkonferenza waħda mal-Pjattaforma Ewropea tal-NGOs dwar l-Asil u l-Migrazzjoni (EPAM) dwar il-proċess ta' tqabbil;
- Il-parteċipazzjoni ta' 11-il rappreżentant tas-soċjetà ċivili fis-sessjoni ta' ħidma tal-EASO dwar big data u twissija bikrija dwar il-migrazzjoni li saret fi Brussell f'Diċembru 2016;
- Il-parteċipazzjoni ta' 10 rappreżentanti mis-soċjetà ċivili fil-Konferenza tas-COI dwar ir-Riċerka Online li saret f'Malta f'Novembru 2016;
- Tliet laqgħat wara xulxin ta' esperti mmirati mas-soċjetà ċivili organizzati fid-29 ta' Novembru 2016 f'Ateni dwar il-kwalità u t-taħriġ (laqgħa ta' grupp ta' referenza), id-dimensjoni esterna u s-COI.

L-EASO żamm djalogu mal-OSĊ billi pprovda l-informazzjoni rilevanti bħala risposta għal mistoqsijiet. Fl-2016, ġew indirizzati madwar 25 mistoqsija.

L-EASO kkontribwixxa għall-attivitajiet tal-Forum Konsultattiv ta' Aġenziji oħra tal-ĠAI permezz tal-parteċipazzjoni tiegħu fi tliet laqgħat tal-Forum Konsultattiv ta' Frontex u f'Forum wieħed tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll permezz ta' input regolari f'dokumentu li jingħataw bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni.

L-EASO pparteċipa f'networks tas-soċjetà ċivili fil-qasam tal-asil fil-livelli tal-UE u nazzjonali fl-identifikazzjoni tal-iżviluppi rilevanti għall-EASO u fl-għoti ta' kontribuzzjonijiet fejn ikun xieraq. L-EASO kien preżenti f'żewġ laqgħat tal-OSĊ Taljani organizzati mill-Kummissjoni u kkontribwixxa billi pprovda informazzjoni lill-proġett "It-tiżiħ tal-involviment u l-kapaċitajiet tal-NGOs madwar l-iżviluppi tal-hotspots tal-UE". L-EASO attenda wkoll it-*Terre D'Asile colloque* fi Franza, il-Forum ta' Liżbona organizzat mill-Kunsill tal-Ewropa, is-Summit Vision-Europe u s-seminar tal-midja tas-soċjetà ċivili dwar il-migrazzjoni.

Annessi

A.I. L-istruttura organizzattiva tal-EASO

Biż-żieda sinifikanti fil-kompiti attribwiti lill-Aġenzija kmieni fl-2016, l-EASO esperjenza sfidi għall-kapaċità tar-respons tiegħu, b'mod partikolari fl-operazzjonijiet fuq il-post fi Stati Membri li qegħdin fuq quddiem. Konsegwentament, ir-riżorsi tal-Aġenzija żdiedu b'mod ripetut, kemm f'termini tal-appropriazzjonijiet finanzjarji tagħha kif ukoll f'termini ta' persunal.

Sabiex dawn ir-riżorsi jiġu assorbiti u ġġestiti b'mod effettiv, sar neċessarju li l-istruttura organizzattiva interna tiġi ssimplifikata, filwaqt li jitqiesu l-kompiti addizzjonali għodda assenjati skont ir-Regolament propost. Il-Bord tat-Tmexxija adotta l-istruttura organizzattiva l-għdida tal-Aġenzija, kif propost mid-Direttur Eżekuttiv, fit-12 ta' Mejju 2016.


Id-Direttur Eżekuttiv, fl-eżerċitar tar-responsabbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 31 tar-Regolament dwar l-EASO, hu appoġġjat mill-Uffiċċju ta' Appoġġ Eżekuttiv, mill-Uffiċċjali ta' Kollegament għall-Istituzzjonijiet tal-UE u għal Frontex, u mill-Unità tal-Komunikazzjonijiet u tal-Partijiet Ikkonċernati.

Id-Dipartiment tal-Appoġġ fil-qasam tal-Asil jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-SEKA billi jipprovdi appoġġ bl-għan li jtejjeb il-kapaċitajiet tal-pajjiżi tal-UE+ biex jimplimentaw is-SEKA permezz ta' taħriġ komuni, kooperazzjoni Prattika kkoordinata u permezz tal-iżvilupp u l-monitoraġġ ta' standards u gwida operattivi.

Id-Dipartiment tal-Operazzjonijiet jiżviluppa u jimplimenta approċċ komprensiv għall-attivitajiet tal-EASO fil-qasam tal-operazzjonijiet, fejn ilaqqaq' fimkien informazzjoni u intelliġenza dwar is-sitwazzjoni u l-pajjiż ta' oriġini, ippjanar operattiv u sostenn operattiv ġewwa u barra l-UE taħt qafas wieħed ikkoordinat. L-operazzjonijiet ser jiġu appoġġjati minn protokollu u għodod operattivi u minn mekkaniżmu ta' monitoraġġ u valutazzjoni kontinwi biex jiġu żgurati l-aqwa riżultati.

Id-Dipartiment tal-Amministrazzjoni jipprovdi sistemi u servizzi ta' appoġġ lill-oqsma ċentrali tal-ħidma.

Figura A.1: It-tabella organizzattiva tal-EASO



A.II. Il-baġit tal-EASO fl-2016

Tabella A.1: Eżekuzzjoni tal-baġit tal-appropriazzjonijiet ta' impenn għal kull sors ta' finanzjament

Appropriazzjonijiet ta' impenn				
Titolu tal-baġit	Sors ta' Finanzjament	Ibbaġitjat (€)	Implimentat (€)	Proporzjon (%)
Titolu 1 – Nefqa fuq il-persunal	C1	8,647,858.00	8,615,142.99	99.62
	C5	481.02	481.02	100.00
	C8	188,312.52	121,722.59	64.64
	R0	280,000.00	63,779.06	22.78
Total tat-Titolu 1		9,116,651.54	8,801,125.66	96.54
Titolu 2 - Infrastruttura u nefqa operattiva	C1	5,689,080.94	5,594,489.17	98.34
	C2	425,000.00	220,142.68	51.80
	C5	30,196.45	30,196.45	100.00
	C8	1,076,583.31	1,005,853.59	93.43
	R0	309,761.47	108,630.11	35.07
Total tat-Titolu 2		7,530,622.17	6,959,312.00	92.41
Titolu 3 – Nefqa operattiva	C1	27,419,978.28	27,184,481.70	99.14
	C4	2,820.00	-	-
	C8	3,765,185.20	3,602,358.58	95.68
	R0	2,933,866.12	1,924,923.92	65.61
Total tat-Titolu 3		34,121,849.60	32,711,764.20	95.87
Titolu 4 – Proġetti esterni oħrajn	C1	1,682.78	1,682.78	100.00
	R0	20,744,493.62	9,196,178.64	44.33
Total tat-Titolu 4		20,746,176.40	9,197,861.42	44.34
Total ta' appropriazzjonijiet ta' impenn		71,515,299.71	57,670,063.28	80.64

Tabella A.2 Eżekuzzjoni tal-baġit tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għal kull sors ta' finanzjament

Approprjazzjonijiet ta' pagament				
Titolu tal-baġit	Sors ta' Finanzjament	Ibbaġitjat (€)	Ikkunsmat (€)	Proporzjon (%)
Titolu 1 – Nefqa fuq il-persunal	C1	8,647,858.00	8,177,934.59	94.57
	C5	481.02	481.02	100.00
	C8	188,312.52	121,722.59	64.64
	R0	280,000.00	63,779.06	22.78
Total tat-Titolu 1		9,116,651.54	8,363,917.26	91.74
Titolu 2 - Infrastruttura u nefqa operattiva	C1	5,689,080.94	3,139,865.22	55.19
	C2	425,000.00	220,142.68	51.80
	C5	30,196.45	-	-
	C8	1,076,583.31	1,005,853.59	93.43
	R0	309,761.47	67,491.26	21.79
Total tat-Titolu 2		7,530,622.17	4,433,352.75	58.87
Titolu 3 – Nefqa operattiva	C1	15,124,978.28	14,089,512.49	93.15
	C4	2,820.00	2,820.00	100.00
	C8	0.00	-	0.00
	R0	2,933,866.12	1,588,402.96	54.14
Total tat-Titolu 3		18,061,664.40	15,680,735.45	86.62
Titolu 4 – Proġetti esterni oħrajn	C1	1,682.78	1,682.78	100.00
	R0	20,744,493.62	6,678,676.07	32.19
Total tat-Titolu 4		20,746,176.40	6,680,358.85	32.20
Total ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti		55,455,114.51	35,158,364.31	63.40

A.III. Persunal tal-EASO

Fil-31 ta' Diċembru 2016, l-EASO kellu 136 membru tal-persunal maħtura u fis-servizz li minnhom 86 kienu Aġenti Temporanji, 43 kienu Aġenti Kuntrattwali u 7 kienu Esperti Nazzjonali Sekondati.

Tabella A.3: Il-pjan ta' stabbiliment tal-EASO 2016

Kategorija u grad	Awtorizzati taħt il-Baġit tal-Unjoni 2016		Baġit Emenda-torju 1/2016		Baġit Emenda-torju 2/2016		Baġit Emenda-torju 3/2016		Baġit Emenda-torju 4/2016		Pjan sal-aħħar tal-2016 ⁽¹⁰⁾	
	Uffiċjali	AT	Uffiċjali	AT	Uffiċjali	AT	Uffiċjali	AT	Uffiċjali	AT	Uffiċjali	AT
AD 16	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0
AD 15	-	1	-	0	-	0	-	0	-	0	-	1
AD 14	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0
AD 13	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0
AD 12	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0	-	4 ⁽¹¹⁾
AD 11	-	1	-	0	-	0	-	0	-	0	-	1
AD 10	-	9	-	0	-	0	-	0	-	0	-	8 ⁽¹²⁾
AD 9	-	8	-	0	-	0	-	0	-	0	-	5
AD 8	-	10	-	0	-	0	-	0	-	0	-	10
AD 7	-	28	-	0	-	0	-	0	-	0	-	28
AD 6	-	5	-	0	-	0	-	0	-	0	-	5
AD 5	-	11	-	0	-	0	-	0	-	0	-	11
AD Totali	-	73	-	0	-	0	-	0	-	0	-	73
AST 11	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0
AST 10	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0
AST 9	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0
AST 8	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0
AST 7	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0
AST 6	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0
AST 5	-	0	-	0	-	0	-	0	-	0	-	2 ⁽¹³⁾
AST 4	-	6	-	0	-	0	-	0	-	0	-	6
AST 3	-	6	-	0	-	0	-	0	-	0	-	6
AST 2	-	2	-	0	-	0	-	0	-	0	-	2
AST 1	-	4	-	0	-	0	-	0	-	0	-	2
AST Totali	-	18	-	0	-	0	-	0	-	0	-	18
TOTAL	0	91	0	0	0	0	0	0	0	0	0	91

⁽¹⁰⁾ Il-pjan ta' stabbiliment ma ġiex modifikat minn emendi fil-baġit; il-modifiki saru matul l-2016 bl-applikazzjoni tar-regola tal-flessibilità.

⁽¹¹⁾ Jinkludi titjib ta' 4 AT AD 10 għal AT AD 12

⁽¹²⁾ Jinkludi titjib ta' 3 AT AD 9 għal AT AD 10

⁽¹³⁾ Jinkludi titjib ta' 2 AT AST 1 għal AT AST 5

Tabella A.1: Distribuzzjoni tal-persunal tal-EASO fil-31.12.2016 skont is-sess





Tabella A.2: Distribuzzjoni tal-persunal tal-EASO fil-31.12.2016 skont in-nazzjonalità



KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/eurodirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*). L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

BZ-AD-17-001-MT-N



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9494-440-5